Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE, EURATOM) Nru 2343/2002**

tad-19 ta' Diċembru 2002

dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej

(ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 652/2008 tad-9 ta' Lulju 2008	L 181	23	10.7.2008

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE, EURATOM) Nru 2343/2002

tad-19 ta' Diċembru 2002

dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej

It-TITOLU I	MATERJA TAS-SUĠĠETT
It-TITOLU II	PRINĊIPJI TAL-BUDGET
Il-Kapitolu 1	Prinċipji ta' unita u ta' eżatezza tal- budget
Il-Kapitolu 2	Prinċipju ta' annwalita
Il-Kapitolu 3	Prinċipju ta' ekwilibriju
Il-Kapitolu 4	Prinċipju ta' unità ta' kontijiet
Il-Kapitolu 5	Prinċipju ta' universalita‘
Il-Kapitolu 6	Prinċipju ta' speċifikazzjoni
Il-Kapitolu 7	Prinċipju ta' treġija finanzjarja tajba
Il-Kapitolu 8	Prinċipju tat-trasparenza
It-TITOLU III	STABBILIMENT U STRUTTURA TAL-BUDGET
Il-Kapitolu 1	Stabbiliment tal- budget
Il-Kapitolu 2	Struttura u presentazzjoni tal- budget
It-TITOLU IV	IMPLIMENTAZZJONI TAL-BUDGET
Il-Kapitolu 1	Dispożizzjonijiet ġenerali
Il-Kapitolu 2	Atturi finanzjarji
Sezzjoni 1	Prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet
Sezzjoni 2	Uffiċċjal li jawtorizza
Sezzjoni 3	Uffiċjal tal-kontijiet
Sezzjoni 4	Amministratur tal-flus akkont
Il-Kapitolu 3	Responsabbilta’ ta' l-atturi finanzjarji
Sezzjoni 1	Regoli Ġenerali
Sezzjoni 2	Regoli applikabbli għall-uffiċjali awtorizzanti u għall-uffiċjali awtorizzanti b’delega jew sottodelega’
Sezzjoni 3	Regoli li jgħoddu għall-uffiċċjal tal-kontijiet u għall-amministraturi tal-flus akkont
Il-Kapitolu 4	Operazzjonijiet ta' dħul
Sezzjoni 1	Dispożizzjonijiet Ġenerali
Sezzjoni 2	Stimi ta' ammonti dovuti
Sezzjoni 3	Stabbiliment ta' ammonti dovuti
Sezzjoni 4	Awtorizzazzjoni għall-irkupru
Sezzjoni 5	Irkupru
Sezzjoni 6	Dispożizzjonijiet li jgħoddu għal miżati u spejjeż
Il-Kapitolu 5	Operazzjonijet ta' nfiq
Sezzjoni 1	Infiq ta' impenni
Sezzjoni 2	Validazzjoni ta' l-infiq
Sezzjoni 3	Awtorizzazzjoni ta' nfiq
Sezzjoni 4	Ħlas ta' spejjeż
Sezzjoni 5	Limiti ta' żmien għal operazzjonijiet ta' nfiq
Il-Kapitolu 6	Sistemi ta' l-Informatika
Il-Kapitolu 7	Awditur intern
It-TITOLU V	KSIB
TITOLU VA	PROĠETTI B’IMPLIKAZZJONIJIET SINJIFIKANTI FUQ IL-BAĠIT

▼B

TITOLU VB	ESPERTI
It-TITOLU VI	KONĊESSJONIJIET MOGĦTIJA MILL-KOMUNITÀ
It-TITOLU VII	PRESENTAZZJONI TAL-KONTIJIET U ŻAMM TAL-KOTBA
It-TITOLU VI	KONĊESSJONIJIET MOGĦTIJA MILL-KOMUNITÀ
It-TITOLU VII	PRESENTAZZJONI TAL-KONTIJIET U ŻAMM TAL-KOTBA
Il-Kapitolu 1	Presentazzjoni tal-kontijiet
Il-Kapitolu 2	Żamm tal-kotba
Sezzjoni 1	Dispożizzjonijiet Komuni
Sezzjoni 2	Kontijiet Ġenerali
Sezzjoni 3	Kontijet tal-budget
Il-Kapitolu 4	Inventarju tal-propjeta
It-TITOLU VIII	VERIFIKA ESTERNA U RILAXX
Il-Kapitolu 1	Verifika esterna
Il-Kapitolu 2	Rilaxx
It-TITOLU IX	DISPOSIZZJONIJET TRANSITORJI U FINALI

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju lijgħodd għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u b'mod partikolari l-Artikolu 185(1) tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidraw il-fehma tal-Parlament Ewropew ([2]);

Wara li kkunsidraw il-fehma tal-Kunsill ([2]),

Wara li kkunsidraw il-Fehma tal-Qorti ta' l-Awdituri ([2]);

Billi:

(1) L-entitajiet tal-Komunità stabbiliti biex jagħmlu xi attivitajiettal-Komunità għandhom personalita legali u għalhekk il-*budget* tagħhom stess li jkun irregolat b'regoli finanzjarji speċifiċi.

(2) Biex tkun żgurata ċertu konsistenza f'dawn ir-regolamenti meta mqabblin mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ("ir-Regolament Finanzjarju Ġenerali" minn hawn 'il quddiem) u skond l-Artikolu 185(1) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament Finanzjarju strutturali jrid jippreskrivi r-regoli li jirregolaw l-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-iskrutinju tal-*budget* ta' l-entitajiet imsemmijin tal-Komunità li tassew jirċievu konċessjonijiet mill-*budget* tal-Komunità ("entitajiet tal-Komunità" minn hawn 'il quddiem). Kull waħda mill-entitajiet tal-Komunità taddotta r-regoli finanzjarji tagħha minn fuq dan ir-Regolament Finanzjarju strutturali, li, kif indikat fl-Artikolu 185 imsemmi hawn fuq, jistgħu jinbidlu mir-Regolament Finanzjarju strutturali skond il-ħtiġiet tat-treġija speċifiċi ta' dawk l-entitajiet, iżda bil-kunsens tal-Kummissjoni biss.

(3) Dan ir-Regolament Finanzjarju strutturali, bħar-Regolament Finanzjarju ġenerali, jgħid biss il-prinċipji ġenerali u r-regoli bażiċi li jirregolaw il-qasam tal-*budget* ikkonċernat, filwaqt li dawn l-entitajiet jistgħu sussegwentement jaddottaw disposizzjonijet iddettaljati biex ir-regolamenti finanzjarji tagħhom jinftehmu aħjar.

([1]) ĠU L 248, 15.9.02, p. 1.
([2]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

(4) L-erba' prinċipji fondamentali tal-liġi tal-*budget* (unita', universalita', speċifikazzjoni, annwalita') u l-prinċipji ta' l-ekwilibriju, unita' tal-kontijiet, treġija finanzjarja tajba u tat-trasparenza iridu jkunu riaffermati għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-*budget*.

(5) Hu meħtieġ li l-poteri u r-responsabbiltajiet tal-uffiċċjal tal-kontijiet, l-awditur intern u l-uffiċċjali li jawtorizzaw ikunu ddefiniti. L-imsemmija l-aħħar għandhom responsabbilta sħiħa tal-ħidmiet kollha ta' dħul u infiq li jsiru taħt l-awtorita' tagħhom u għandhom jiżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, ukoll bi proċedimenti dixxiplinari fejn meħtieġ.

(6) Bħall-istituzzjonijiet, dawn l-entitajiet tal-Komunità ma jistgħux jisilfu flus, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

(7) Il-funzjoni tal-verifika interna fl-entitajiet tal-Komunità irid jagħmilha l-awditur intern tal-Kummissjoni, li għalhekk ikun dak li jiggarantixxi l-konsistenza tas-sistema u l-mod kif taħdem skond l-Artikolu 185(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

(8) L-iskeda biex ikun stabbilit il-*budget*, biex ikunu ppreżentati l-kontijiet u biex jingħata r-rilaxx iridu jkunu allineati fuq id-dispożizzjonijiet ekwivalenti tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, u l-awtorita responsabbli li tagħti r-rilaxx lill-entitajiet tal-Komunità trid tkun l-istess bħal tal-*budget* ġenerali (l-Artikolu 185(2) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali)

(9) Ir-regoli għaż-żamm tal-kotba applikati għall-entitajiet tal-Komunità iridu jħallu li ssir konsolidazzjoni mal-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet, u għal dan il-għan iridu jkunu addottati mill-uffiċċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali il-ġdid.

(10) Skond l-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-pjan ta' stabbiliment issa jrid jingħata lill-awtorita tal-*budget* għall-approvazzjoni.

(11) Kull entità jista' jkollha aċċess għall-panel imsemmi fl-Artikolu 66(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali stabbilit mill-Kummissjoni biex jeżamina irregolaritajiet ħalli tkun titsta' ssir evalwazzjoni simili ta' każi identiċi.

(12) Minħabba li jirċievu konċessjoni imħallsa mill-*budget* tal-Komunità, l-entitajiet tal-Komunità iridu jżommu strettament l-istess ħtiġiet ta' l-istituzzjonijiet għall-għoti ta' appalti u konċessjonijiet pubbliċi, sakemm dawn l-appalti u konċessjonijiet huma awtorizzati mill-Istrumenti li jistabbilixxu dawn l-entitajiet; għaldaqstant tkun biżżejjed referenza għad-disposizzjonijet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

(13) Bħall-istituzzjonijiet, l-entitajiet tal-Komunità jistgħu, biex jagħmlu l-kompiti li jingħatawlhom, Iħaddmu entitajiet tas-settur privat esterni biss fejn meħtieġ u mhux għal kompiti li jinvolvu xi missjoni tas-servizz pubbliku jew l-użu ta' xi poteri ta' ġudizzji diskrezjonali, biex ikun garantit li kull entità hi marbuta li tagħti rendikont ta' għemilha fl-implimentazzjoni tal-*budget* tagħha u żżomm ma' l-għanijiet li ngħatat meta ġiet magħmula.

(14) Bħala appoġġ għat-talbiet biex jitħallsu s-sussidju tal-Komunità, l-entitajiet tal-Komunità iridu jbassru d-dħul u l-infiq, u l-fondi li l-Komunitajiet iħallsu għal dak is-sussidju iridu jagħtu imgħax għal benefiċju tal-Komunitajiet.

(15) Irid ikun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi biex jorganizzaw il-ġbir ta' miżati u spejjeż, li huma waħda mir-riżorsi ta' dawn l-entitajiet.

(16) Minħabba l-ħtiġiet statutorji ġejjin mill-istrumenti li jistabbilixxu l-entitajiet tal-Komunità, il-proċedura biex ikunu ppreżentati l-

▼B

kontijiet trid tkun addottata u ssir dispożizzjoni biex il-bord ta' treġija jagħti fehmtu dwar il-kontijiet.

(17) L-istruttura l-ġdida tal-*budget* addottata fir-Regolament Finanzjarju ġenerali trid tintuża ukoll mill-entitajiet tal-Komunità sakemm dan hu ġġustifikat bin-natura ta' l-attivitajiet tagħhom.

(18) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġenerali li għandhom jiddaħħlu f'dan ir-regolament huma biss dawk li jgħoddu għall-entitajiet tal-Komunità.

B'mod partikolari dan ir-Regolament għalhekk m'għandux jinkludi d-dispożizzjonijiet relatati ma' meddiet ta' attivita li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-entitajiet tal-Komunità, il-metodi varji ta' implimentazzjoni li jagħmlu l-kunċett ta' esternalizzazzjoni u t-tagħrif dwar il-*budget* li għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Barra minn hekk, uħud biss mill-kategoriji ta' dħul assenjat fir-Regolament Finanzjarju ġenerali għandhom jitqiesu u, finalment, il-proċedura għat-trasferiment ta' l-appropjazzjonijiet u l-istabbiliment tal-*budget* iridu jkunu inqas iddettaljati u inqas kumplessi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

TITOLU I

MATERJA TAS-SUĠĠETT

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jgħid eżatt ir-regoli essenzali li jistgħu jiżvijaw minnhom l-entitajiet tal-Komunità meta l-ħtiġiet operazzjonali speċifiċi tagħhom jitolbu hekk biss u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ("ir-Regolament Finanzjarju ġenerali" minn hawn 'il quddiem).

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "Entità tal-Komunità" tfisser entità msemmija fl-Artikolu 185(1) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali;

2. "Bord ta' treġija" tfisser l-entità interna ewlenija ta' l-entità tal-Komunità li għandha r-responsabbilta' li tieħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet finanzjarji u tal-*budget*, irrispettivament mill-isem li ngħatat fl-istrument kostitwenti ta' l-entità tal-Komunità;

3. "Direttur" tfisser il-persuna li għandha r-responsabbilta' li timplimenta d-deċiżjonijiet tal-bord ta' treġija u l-*budget* ta' l-entità tal-Komunità bħala uffiċċjal li jawtorizza, irrispettivament mit-titolu mogħti lilu/ha fl-istrument kostitwenti ta' l-entità tal-Komunità;

4. "Istrument kostitwenti" tfisser l-istrument tal-liġi tal-Komunità li jirregola l-aspetti ewlenin tal-ħolqien u t-tħaddim ta' l-entità tal-Komunità;

5. "awtorita tal-*budget*" tfisser il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

▼B

TITOLU II

PRINĊIPJI TAL-*BUDGET*

▼M1

Artikolu 3

It-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-baġit ta' entità Komunitarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-baġit") għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' l-unità u l-preċiżjoni tal-baġit, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-unità tal-kontijiet, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja soda, li jirrikjedu kontroll intern effettiv u effiċjenti kif jingħad f'dan ir-Regolament.

▼B

KAPITOLU 1

Prinċipji ta' unita' u eżattezza tal-*budget*

Artikolu 4

Il-*budget* huwa l-istrument li, għal kull sena finanzjarja, jbassar u jawtorizza d-dħul u l-infiq meqjus meħtieġ għall-entità tal-Komunità.

Artikolu 5

Il-*budget* ikun fih:

(a) id-dħul proprju ġej minn miżati u spejjeż li l-entità tal-Komunità awtorizzta tiġbor bis-saħħa tal-kompiti fdati lilha, u kull dħul ieħor;

(b) dħul magħmul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' l-Istati Membri li qed jilqgħuha;

(ċ) sussidju konċess mill-Komunitajiet Ewropej;

(d) dħul assenjat lill-infiq speċifiku skond l-Artikolu 19(1);

(e) l-ispejjez ta' l-entità tal-Komunità, inkluzi spejjeż ta' amministrazzjoni.

Artikolu 6

1. Ma jsirx dħul jew infiq qabel ma dan itniżżel taħt intestaura fil-*budget*.

2. Appropjazzjoni ma tiddaħħalx fil-*budget* sakemm mhux għal spiża meqjusa meħtieġa.

3. L-ebda nefqa li tkun ikbar mill-appropjazzjonijiet awtorizzati mill-*budget* ma tista' tkun marbuta jew awtorizzata.

KAPITOLU 2

Prinċipju ta' annwalita

Artikolu 7

L-appropjazzjonijiet mdaħħlin fil-*budget* ikunu awtorizzati għal sena finanzjarja waħda li tkun tgħodd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

Artikolu 8

▼M1

1. Il-baġit għandu ikun fih approprjazzjonijiet mhux differenzjati u, fejn ġustifikat mill-ħtiġiet operazzjonali, approprjazzjonijiet differenzjati.

▼M1

Dawn ta' l-aħħar għandhom jikkonsistu f'approprjazzjonijiet għall-impenji u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

▼B

2. Appropjazzjonijiet ta' impenn ikopru l-prezz ta' impenni legali mibdijin tul is-sena finanzjarja kurrenti.

3. Approprjazzjonijiet ta' pagament ikopru pagamenti magħmula biex ikunu onorati impenni legali mibdijin fis-sena finanzjarja kurrenti u/jew snin finanzjarji ta' qabel.

4. Appropjazzjonijiet amministrativi ma jkunux iddifferenzati. Infiq amministrattiv ġej minn appalti li jkopru perjodi li jestendu għal qabel is-sena finanzjarja, jew skond prattika lokali jew rigward fornitura ta' tagħmir, jitħallsu mill-*budget* tas-sena finanzjarja li tkun sar fiha.

Artikolu 9

1. Id-dħul ta' l-entità tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 5 jiddaħħal fil-kontijiet tas-sena finanzjarja skond l-ammonti miġbura matul is-sena finanzjarja.

2. Id-dħul ta' l-entità tal-Komunità iqajjem ammont daqsu ta' approp-jazzjonijiet għall-pagamenti.

3. L-appropjazzjonijiet awtorizzati fil-*budget* għal sena jistgħu jintużaw biss biex jagħmlu tajjeb għall-infiq allokat u mħallas f'dik is-sena finanzjarja, u biex ikopri ammonti dovuti minn appropjazzjonijiet minn snin finanzjarji ta' qabel.

4. L-impenni jiddaħħlu fil-kontijiet fuq il-bażi ta' l-impenni legali li jkunu saru sal-31 ta' Diċembru.

5. Pagamenti jiddaħħlu fil-kontijiet għal sena finanzjarja fuq il-bażi ta' pagamenti li għamel l-uffiċċjal tal-kontijiet sal-31 ta' Diċembru, l-iktar tard, ta' dik is-sena.

Artikolu 10

1. Approprjazzjonijiet li ma jkunux intużaw sa' l-aħħar tas-sena finanzjarja li jkunu ddaħħlu għaliha jitħassru.

Madankollu, b'deċiżjoni tal-bord ta' treġija li trid issir sal-15 ta' Frar, jistgħu jinġarru biss għas-sena finanzjarja li jmiss, skond ►M1 il-paragrafi 2 sa 7 ◄.

2. Approprjazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' spejjeż ta' persunal ma jistgħux jinġarru.

▼M1

3. L-approprjazzjonijiet għall-impenji u l-approprjazzjonijiet mhux differenzjati li jkunu għadhom mhux impenjati f'għeluq is-sena finanzjarja jistgħu jiiġu trasferiti fir-rigward ta' l-ammonti li jikkorrispondu ma' l-approprjazzjonijiet għall-impenji li għalihom il-biċċa l-kbira ta' l-istadji preparatorji tal-proċedura biex dawn jiġu impenjati, li għandha tkun definita fir-regoli li jimplimentaw ir-regolament finanzjarju ta' kull entità tal-Komunità, jkunu tlestew sal-31 ta' Diċembru; dawn l-ammonti jistgħu mbagħad jiġu impenjati sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara.

▼B

4. ►M1 L-approprjazzjonijiet għall-ħlas jistgħu jiġu trasferiti fir-rigward ta' l-ammonti meħtieġa biex jagħmlu tajjeb għal impenji eżistenti jew impenji marbuta ma' l-approprjazzjonijiet għall-impenji li jkunu ġew trasferiti, meta l-approprjazzjonijiet imsemmija għal-linji rilevanti fil-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara ma jkunux ikopru l-ħtiġiet. ◄ L-entità tal-Komunità l-ewwel għandha tuża l-appropjazzjonijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja kurrenti u ma tużawx l-appropjazzjonijiet li jkunu nġarru qabel ma jkunu eżawriti l-appropjazzjonijiet msemmija qabel.

▼B

5. Appropjazzjonijiet mhux iddifferenzjati li jikkorrispondu ma' obbligi kkuntrattati kif suppost f'għeluq is-sena finanzjarja jinġarru awtomatikament għas-sena finanzjarja ta' wara biss.

6. Approprjazzjonijiet li jkunu nġarru u li ma jkunux intrabtu sal-31 ta' Marzu tas-sena N + 1 jitħassru awtomatikament.

Approprjazzjonijiet li jkunu nġarru b'dan il-mod iridu jkunu identifikati fil-kontjiiet.

7. L-approprjazzjonijiet disponibbli fil-31 ta' Diċembru li jkunu ġejjin mid-dħul assenjat imsemmi fl-Artikolu 19 jinġarru awtomatikament.

L-approprjazzjonijiet disponibbli li jikkorispondo mad-dħul assenjat li jkun inġarr iridu jintużaw l-ewwel.

▼M1

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju tas-sena N+1, l-entità Komunitarja għandha tinforma l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dħul assenjat trasferit.

▼B

Artikolu 11

Meta jinħallu l-ammonti, minħabba li ma tkunx saret implimentazzjoni jew ma tkunx saret implimentazzjoni sħiħa ta' azzjonijiet li dawn l-ammonti kienu allokati għalihom, f'sena finanzjarja wara dik li l-appropjazzjonijiet intrabtu, l-appropjazzjonijiet kkonċernati jitħassru.

Artikolu 12

L-approprjazzjonijiet imdaħħlin fil-*budget* jistgħu jintrabtu mill-1 ta' Jannar, malli l-*budget* ikun definittiv.

▼M1

Artikolu 13

1. Mill-15 ta' Novembru ta' kull sena, spejjeż amministrattivi ta' rutina jistgħu ikunu allokati bil-quddiem ma' l-appropjazzjonijiet pprovduti għas-sena finanzjarja ta' wara. Madankollu, tali impenji ma jistgħux jaqbżu l-kwart ta' l-approprjazzjonijiet deċiżi mill-bord ta' ġestjoni fuq il-linja tal-baġit li tikkorrispondi magħhom għas-sena finanzjarja kurrenti. Ma jistgħux jgħoddu għal spejjeż ġodda ta' tip li ma jkunx għadu approvat fil-prinċipju fl-aħħar baġit addottat kif suppost.

2. Infiq li jrid jitħallas bil-quddiem, pereżempju kera, jista' jagħti lok għal pagamenti mill-1 ta' Diċembru 'l quddiem li jitħallsu mill-appropjazzjonijiet għas-sena finanzjarja ta' wara. F'dan il-każ, il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 ma japplikax.

▼B

Artikolu 14

1. Jekk il-*budget* ta' l-entità tal-Komunità ma jkunx addottat għal kollox fil-bidu tas-sena finanzjarja, ir-regoli li ġejjin ikunu jgħoddu għall-irbit u l-ħlas ta' nfiq li setgħu kienu mniżżlin taħt intestatura speċifika tal-*budget* bħala parti mill-implimentazzjoni ta' l-aħħar *budget* addottat kif suppost.

2. L-irbit jista' jsir għal kull Kapitolu sa mhux iktar minn kwart ta' l-appropjazzjonijiet totali awtorizzati fil-kapitolu kkonċernat għas-sena finanzjarja ta' qabel, u parti minn kull tnax għal kull xahar li jkun għadda.

Pagamenti jistgħu isiru kull xahar għal kull kapitolu sa mhux iktar minn parti minn kull tnax ta' l-appropjazzjonijiet awtorizzati fil-kapitolu kkonċernat għas-sena finanzjarja ta' qabel.

▼B

Il-limitu ta' l-appropjazzjonijiet previst fir-rendikont ta' l-istimi tad-dħul u l-infiq ma' jistax jinqabeż.

3. Fuq talba tad-direttur, jekk ikun meħtieġ mill-azzjoni ta' l-entità tal-Komunità u t-treġija, il-bord ta' treġija jista' jawtorizza fl-istess ħin żewġ partijiet jew iktar minn kull tnax, provviżorjament, kemm għal impenni kif ukoll għal pagamenti, barra minn dawk li huma awtomatikament disponibbli bid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2.

Il-partijiet minn tnax l-oħrajn ikunu awtorizzati bis-sħiħ u ma jistgħux jinqasmu.

KAPITOLU 3

Prinċipju ta' l-ekwilibriju

Artikolu 15

1. Id-dħul mill-*budget* u appropjazzjonijiet għall-pagamenti iridu jibbilanċjaw lil xulxin.

2. Appropjazzjonijiet għall-impenni ma jistgħux jaqbżu l-ammont ta' sussidju tal-Komunità, id-dħul proprju u kull dħul ieħor imsemmi fl-Artikolu 5.

3. L-entità tal-Komunità ma tistax tislef.

▼M1

4. Il-fondi Komunitarji li jitħallsu lill-entità tal-Komunità għandhom jikkostitwixxu għall-baġit tagħha sussidju ta' bilanċ, li jgħodd bħala prefinanzjament fis-sens ta' l-Artikolu 81(1)(b)(i) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

5. L-entità Komunitarja għandha timplimenta ġestjoni stretta tal-likwidità, b'kunsiderazjoni tad-dħul assenjat, sabiex tiżgura li l-bilanċi tal-likwidità tagħha huma limitati għal ħtiġijiet ġustifikati. Mat-talbiet tal-ħlasijiet tagħha hija għandha tressaq previżjonijiet dettaljati u aġġornati dwar il-ħtiġijiet reali ta' likwidità tagħha matul is-sena, inkluża informazzjoni dwar id-dħul assenjat.

▼B

Artikolu 16

1. Jekk il-bilanċ tal-kont tal-kwantitajiet maħdumin fis-sens ta' l-Artikolu 81 ikun pożittiv irid jerġa' jitħallas lill-Kummissjoni sakemm jintlaħaq l-ammont tas-sussidju tal-Komunità li jkun tħallas matul is-sena. Il-parti tal-bilanċ li tkun qabżet l-ammont tas-sussidju mħallas mill-Komunità matul dik is-sena trid tiddaħħal fil-*budget* għas-sena finanzjarja ta' wara bħala dħul.

Id-differenza bejn is-sussidju tal-Komunità li jkun iddaħħal fil-*budget* u dik li tassew tħallset lill-entità titħassar.

▼M1

L-entitajiet Komunitarji għandhom jipprovdu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena n, stima tal-bilanċ favorevoli operattiv mis-sena N-1, li għandu jitħallas lura lill-baġit Komunitarju aktar tard fis-sena N, biex b'hekk tiġi kkompletata l-informazzjoni li diġà hija disponibbli dwar il-bilanċ favorevoli tas-sena N-2. Din l-informazzjoni għandha tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni waqt il-valutazzjoni tal-ħtiġiet finanzjarji ta' l-entitajiet Komunitarji għas-sena N+1.

▼B

2. Jekk il-bilanċ tal-kont tal-kwantitajiet maħdumin fis-sens ta' l-Artikolu 81 ikun negattiv, jerġa jiddaħħal fil-*budget* tas-sena finanzjarja ta' wara.

3. Id-dħul jew appropjazzjonijiet għall-pagament jiddaħħlu fil-*budget* waqt il-proċedura tal-*budget* bl-ittra tal-proċedura li tagħmel l-emenda

▼B

jew, jekk l-implimentazzjoni tal-*budget* tkun fis-seħħ, permezz ta' *budget* li jagħmel emendi.

KAPITOLU 4

Prinċipju ta' l-unità ta' kontijiet

Artikolu 17

Il-*budget* jitħejja u jkun implimentat bl-ewro u l-kontijiet ikunu ppreżentati bl-ewro.

Madankollu, għall-iskop ta' dħul u nfiq ta' flus, l-uffiċċjal tal-kontijiet u, fil-każ ta' kontijiet ta' flus akkont, l-amministraturi tal-flus akkont, ikunu awtorizzati biex jagħmlu operazzjonijiet f'muniti nazzjonali kif preskritt fir-regoli finanzjarji ta' kull entità tal-Komunità.

KAPITOLU 5

Prinċipju ta' l-universalita

Artikolu 18

Dħul totali jrid jagħmel tajjeb għat-total ta' l-appropjazzjonijiet ta' pagament, bla ħsara għall-Artikolu 19. Id-dħul u l-infiq kollu jiddaħħal kollu mingħajr ma wieħed jaġġusta lill-ieħor, bla ħsara għall-Artikolu 21.

▼M1

Artikolu 19

1. L-elementi ta' dħul li ġejjin għandhom jintużaw biex jiġu ffinanzjati oġġetti speċifiċi ta' nfiq:

(a) dħul allokat għal skop speċifiku, bħal dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati;

(b) kontribuzzjonijiet lill-attivitajiet ta' l-entità tal-Komunità minn Stati Membri, pajjiżi mhux membri jew entitajiet mixxelanji, sakemm dan hu previst fil-ftehim milħuq bejn l-entità tal-Komunità u l-istati Membri, pajjiżi mhux membri jew entitajiet ikkonċernati;

(ċ) dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta' prodotti, servizzi jew xogħol fornuti fuq talba tagħhom stess, għajr il-miżati u l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 5(a);

(d) dħul mill-forniment ta' prodotti, servizzi u xogħlijiet għall-istituzzjonijiet Komunitarji jew entitajiet oħrajn tal-Komunità;

(e) dħul li ġej mill-ħlas lura ta' ammonti mħallsa bi żball;

(f) dħul mill-bejgħ ta' vetturi, tagħmir, installazzjonijiet, materjali u apparat xjentifiku u tekniku li jkunu qegħdin jinbidlu jew jiġu skreppjati meta l-valur tal-ktieb ikun kompletament deprezzat;

(ġ) ħlasijiet rċevuti minn assigurazzjoni;

(g) dħul minn ħlasijiet konnessi ma' kirjiet;

(għ) dħul mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet u films, inklużi dawk fuq mezzi elettroniċi.

1a. L-att bażiku applikabbli jista' jassenja wkoll id-dħul li għalih jipprevedi partiti speċifiċi ta' nfiq.

2. L-elementi kollha ta' dħul fis-sens tal-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandhom ikopru l-infiq dirett jew indirett li jsir mill-attività jew għan ikkonċernati.

▼M1

3. Il-baġit għandu jkun f'linji sabiex jakkomoda l-kategorji ta' dħul assenjat imsemmijin fil-paragrafi 1 u 1a, u fejn possibbli jindika l-ammont.

▼B

Artikolu 20

1. Id-direttur jista' jilqa' kull donazzjoni li ssir lill-entità tal-Komunità, bħalma huma fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati.

2. Aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet lijistgħu jinvolvu xi prezz finanzjarju ikunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni minnqabel tal-bord tat-treġija, li jrid jiddeċiedi fi żmien xahrejn mid-data li tingħatalu t-talba. Jekk il-bord ta' treġija ma jiħux deċiżjoni f'dak iż-żmien id-donazzjoni titqies milqugħa.

Artikolu 21

▼M1

1. It-tnaqqis li ġej jista' jsir mit-talbiet għall-ħlas, fatturi jew rendikonti kollha, li mbagħad għandhom jgħaddu għall-ħlas ta' l-ammont nett:

(a) il-penali imposti fuq partijiet għal kuntratti ta' akkwist jew benefiċjarji ta' għotja;

(b) skontijiet, rifużjonijiet u tnaqqis fuq fatturi individwali u talbiet għall-ħlas;

(ċ) l-imgħaxijiet iġġenerati minn ħlasijiet ta' prefinanzjament.

▼B

2. L-ammont *ex-tax* sħiħ tal-prezz ta' prodotti jew servizzi mogħtija lill-entità tal-Komunità jitħallsu mill-*budget*, fejn jinkorporaw it-taxxi mogħtija lura:

(a) jew mill-Istati Membri skond il-Protokoll fuq il-Privileġġi u Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, sakemm tgħodd għall-entità tal-Komunità;

(b) jew minn Stat Membru jew pajjiż mhux membru fuq bażi ta' ftehim rilevanti ieħor.

Kull taxxa nazzjonali li trid titħallas temporanjament mill-ektkom taħt l-ewwel sottoparagrafu tiddaħħal f'kont sospiż sakemm jingħataw lura mill-Istat ikkonċernat.

3. Kull bilanċ negattiv jiddaħħal fil-*budget* bħala nfiq.

4. Jistgħu isiru aġġustamenti għal differenzi ta' tibdil li jiġru waqt l-implimentazzjoni tal-*budget*. Il-qliegħ jew telf finali iridu jkunu inklużi fil-bilanċ għas-sena.

KAPITOLU 6

Prinċipju ta' speċifikazzjoni

Artikolu 22

L-appropjazzjonijiet jkunu allokati għal skopijiet speċifiċi fl-intier tagħhom bit-titolu u l-kapitolu; il-kapitoli jerġgħu jinqasmu f'artikoli u punti.

▼M1

Artikolu 23

1. Id-Direttur jista' jwettaq trasferimenti minn kapitolu għal ieħor u minn artikolu għal ieħor mingħajr limitu, u minn titolu għal ieħor sa

▼M1

massimu ta' 10 % ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment.

2. Lilhinn mil-limitu msemmi fil-paragrafu 1, id-Direttur jista' jipproponi trasferimenti ta' approprazzjonijiet minn titolu għal ieħor lill-bord ta' ġestjoni. Il-bord ta' ġestjoni għandu jkollu tliet ġimgħat biex jopponi dawn it-trasferimenti. Wara dan il-limitu ta' żmien, it-trasferimenti għandhom jitqiesu adottati.

3. Proposti għal trasferimenti u trasferimenti mwettqa taħt il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu akkompanjati bid-dokumenti ta' sostenn xierqa u dettaljati li juru l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet u estimi tar-rekwiżiti sat-tmiem tas-sena finanzjarja, kemm għall-intestaturi li jridu jkunu kkreditati u kemm għal dawk li jridu jsiru l-approprjazzjonijiet minnhom.

4. Id-Direttur għandu/ha j/tinforma lill-bord ta' ġestjoni bit-trasferimenti mwettqa malajr kemm jista' jkun. Huwa għandu jgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti kollha mwettqa taħt il-paragrafu 2.

▼B

Artikolu 24

1. Approprjazzjonijiet jistgħu ikunu ttrasferiti biss f'intestaturi tal-*budget* li għalihom il-*budget* għandu appropjazzjonijiet awtorizzati jew għandu annotazzjoni nominali (p.m.).

2. Approprjazzjonijiet li jikkorrispondu mad dħul assenjat jistgħu ikunu ttrasferiti biss jekk jintużaw għall-iskop li kien assenjat id-dħul.

KAPITOLU 7

Prinċipju ta' treġija finanzjarja tajba

Artikolu 25

1. Appropjazzjonijiet tal-*budget* jintużaw skond il-prinċipju ta' treġija finanzjarja tajba, jiġifieri, skond il-prinċipji ta' ekonomija, effiċenza u effettivita.

2. Il-prinċipju ta' l-ekonomija jitlob li r-riżorsi li tuża l-entità tal-Komunità għall-attivitajiet tagħha jridu jkunu disponibbli fiż-żmien it-tajjeb, fi kwantitajiet u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz.

Il-prinċipju ta' l-effiċenza hu kkonċernat bl-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati milħuqa.

Il-prinċipju ta' l-effettivita kkonċernat bl-għanijiet speċifiċi u li jintlaħqu r-riżultati mixtieqa.

3. Għanijiet speċifiċi li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu u li wieħed jista' jara kemm jieħdu żmien iridu jkunu stabbiliti għall-oqsma kollha ta' l-attivita koperta mill-*budget*. Kemm u kif jintlaħqu dawn l-għanijiet ikun issorveljat minn indikaturi ta' prestazzjoni għal kull attivita u d-direttur jagħti tagħrif lill-bord ta' treġija. Dan it-tagħtif jingħata kull sena u l-iktar tard mad-dokument li jkun ma' l-abbozz preliminari tal-*budget*.

4. Biex id-deċiżjonijiet jittieħdu aħjar, l-entità tal-Komunità trid tagħmel evalwazzjonijiet tal-programmi jew attivitajiet qabel ma jsiru u wara li jkunu saru. Evalwazzonijiet hekk isiru għall-programmi u l-attivitajiet kollha li jirrikjedu nfiq kbir u r-riżultati ta' l-evalwazzjoni jintbagħtu lill-bord ta' treġija.

▼M1

Artikolu 25a

1. Il-baġit għandu jiġi implimentat skond kontroll intern effettiv u effiċjenti.

▼M1

2. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-baġit, il-kontroll intern huwa definit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha ta' ġestjoni u mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli tal-ksib ta' l-għanijiet li ġejjin:

(a) effettività, effiċjenza u ekonomija fl-operazzjonijiet;

(b) rappurtar affidabbli;

(ċ) ħarsien ta' l-assi u l-informazzjoni;

(d) prevenzjoni u identifikazzjoni ta' frodi u irregolaritajiet;

(e) kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, meta jitqies il-karattru multi-annwali tal-programmi u n-natura tal-ħlasijiet ikkonċernati.

▼B

KAPITOLU 8

Prinċipju tat-trasparenza.

Artikolu 26

1. Il-*budget* jitħejja u jkun implimentat u l-kontijiet ikunu ppreżentati b'osservanza għall-prinċipju ta' trasparenza.

▼M1

2. Għandha tiġi ppubblikata taqsira tal-baġit u tal-baġits ta' emenda, kif adottati finalment, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħhom.

It-taqsira għandha turi l-ħames linji baġitarji ewlenin tad-dħul, il-ħames linji baġitarji ewlenin tan-nefqa għall-baġit amministrattiv u operattiv, il-ħolqien ta' pjan f'ekwivalenti ta' full-time li għalihom ġew allokati approprjazzjonijiet fil-baġit, u esperti nazzjonali ssekondati. Għandha tindika wkoll iċ-ċifra għas-sena ta' qabel.

3. Il-baġit jinkludi l-pjan ta' stabbiliment u l-baġits ta' emenda, bħalma finalment adottati, kif ukoll indikazzjoni ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt f'ekwivalenti ta' *full-time* li ġew allokati approprjazzjonijiet fil-baġit fil-konfront tagħhom, u esperti nazzjonali ssekondanti, għandhom jintbagħtu bħala informazzjoni lill-awtorità tal-baġit, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Kummissjoni, u għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sajt ta' l-Internet ta' l-entità Komunitarja kkonċernata fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tagħhom.

4. L-entità Komunitarja għandha trendi disponibbli informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi mill-baġit tagħha, inkluż informazzjoni dwar esperti kkuntrattati skond l-Artikolu 74b, fuq il-websajt tagħha. L-informazzjoni ppubblikata għandha tkun aċċessibbli faċilment, trasparenti u komprensiva. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli filwaqt li jkunu debitament osservati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà, partikolarment il-ħarsien tad-data personali kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Fejn l-informazzjoni hija pubblikata f'forma anonima, l-entità Komunitarja għandha, meta tintalab tagħmel dan, tipprovdi informazzjoni dwar il-benefiċjarji kkonċernati lill-Parlament Ewropew f'manjiera adegwata.

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

▼B

TITOLU III

STABBILIMENT U STRUTTURA TAL-*BUDGET*

KAPITOLU 1

Stabbiliment tal-*budget*

▼M1

Artikolu 27

1. Il-baġit ikun stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istrument li jikkostitwixxi l-entità tal-Komunità.

2. L-entità Komunitarja għandha tibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' stima provviżorja tad-dħul u l-infiq tagħha u d-dħul tagħha u l-linji gwida fil-bażi ta' dik l-istima, sa l-10 ta' Frar kull sena u l-abozz ta' stima finali sad-data speċifikata fl-istrument kostitwenti.

3. L-istima ta' dħul u nfiq ta' l-entità tal-Komunità għandha tinkludi:

(a) pjan ta' stabbiliment li jistabbilixxi l-għadd ta' postijiet temporanji u permanenti awtorizzati fil-limiti ta' l-appropjazzjonijiet tal-baġit, bil-grad u bil-kategorija;

(b) meta ssir bidla fl-għadd ta' persuni fil-karigi, rendikont li jiġġustifika t-talba għal postijiet ġodda;

(ċ) stima kull tlett xhur ta' ħlasijiet bi flus likwidi u rċevuti;

(d) informazzjoni dwar l-għadd ta' għanijiet stabbiliti li ntlaħqu qabel għall-attivitajiet diversi kif ukoll għanijiet ġodda imkejlin b'indikaturi.

Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni għandhom jiġu kkonsultati u ssir referenza għalihom bħala prova tal-merti probabbli ta' żieda jew tnaqqis tal-baġit propost ta' l-entità Komunitarja meta mqabbel mal-baġit tagħha għas-sena N.

4. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena l-entità Komunitarja għandha tibgħat lill-Kummissjoni u l-awtoritrà tal-baġit dawn id-dokumenti li ġejjin:

(a) abbozz ta' programm ta' ħidma tagħha;

(b) verżjoni aġġornata tal-pjan multiannwali tagħha dwar il-persunal, stabbilit skond il-linji gwida stipulati mill-Kummissjoni;

(ċ) informazzjoni dwar l-għadd ta' uffiċjali, persunal temporanju u b'kuntratt kif definit mir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Impjegati Oħrajn (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolamenti tal-Persunal") għas-snin n-1 u n u kif ukoll stima għas-sena N+1;

(d) informazzjoni dwar kontribuzzjonijiet in-natura li jingħataw mill-Pajjiż Membru ospitanti lill-entità Komunitarja;

(e) stima tal-bilanċ tal-kont tar-riżultati skond it-tifsira ta' l-Artikolu 81 għas-sena N-1.

5. Bħala parti mill-proċedura ta' l-adozzjoni tal-baġit ġenerali, il-Kummissjoni tibgħat ir-rendikonti ta' stimi ta' l-entità tal-Komunità lill-awtorita tal-baġit u tipproponi l-ammont ta' sussidju għall-entità Komunitarja u l-għadd tal-persunal li hi tqis li l-entità teħtieġ. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment ta' l-entitajiet Komunitarji u stima ta' l-għadd ta' persunal b'kuntratt f'ekwivalenti ta' persunal full-time li għalihom ikunu proposti appropr-jazzjonijiet.

6. L-awtorita tal-baġit taddotta l-pjan ta' stabbiliment ta' l-entità Komunitarja u kwalunkwe emenda sussegwenti li ssirlu skond l-

▼M1

Artikolu 32(1). Il-pjan ta' stabbiliment għandu jkun ippubblikat f'anness ta' Taqsima III – Kummissjoni – tal-baġit ġenerali.

7. Il-bord ta' ġestjoni jaddotta l-baġit u l-pjan ta' stabbiliment. Dawn isiru definittivi wara l-addozzjoni finali tal-baġit li tgħid l-ammont tas-sussidju u tal-pjan ta' stabbiliment u jekk ikun meħtieġ, il-baġit u l-pjan ta' stabbiliment ikunu rranġati skond il-ħtieġa.

▼B

Artikolu 28

Kull emenda fil-*budget*, inkluz il-pjan ta' stabbiliment, tkunis-suġġett ta' *budget* li jagħmel l-emendi addottat bl-istess proċedura tal-*budget* inizjali, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istrument kostitwenti u l-Artikolu 27.

KAPITOLU 2

Struttura u presentazzjoni tal-*budget*

Artikolu 29

Il-*budget* ikun magħmul minn rendikont ta' dħul u rendikont ta' nfiq.

Artikolu 30

Sakemm ikun iġġustifikat bin-natura ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija, ir-rendikont ta' l-infiq irid ikun imqassam fuq bażi ta' nomenklatura bi klassifikazzjoni skond l-iskop. Din in-nomenklatura tkun iddeterminata mill-entità tal-Komunità u tagħmel distinzjoni ċara bejn appropjazzjonijiet amministrattivi u appropjazzjonijiet operattivi.

Artikolu 31

Il-budget irid juri:

1. fir-rendikont tad-dħul:

   (a) stima tad-dħul ta' l-entità tal-Komunità għas-sena finanzjarja kkonċernata;

   (b) id-dħul stmat għas-sena finanzjarja ta' qabel u d-dħul għas-sena N - 2;

   (ċ) rimarki xierqa fuq kull linja ta' dħul;

2. fir-rendikont ta' l-infiq:

   (a) l-appropjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena finanzjarja kkonċernata;

   (b) l-appropjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena finanzjarja ta' qabel, u l-ispejjeż allokati u l-ispejjeż minfuqa fis-sena N - 2;

   (ċ) rendikont fil-qosor ta' kif se jsiru l-pagamenti dovuti fis-snin finanzjarji ta' wara biex jintlaħqu l-impenni tal-*budget* mibdijin fi snin finanzjarji ta' qabel;

   (d) rimarki xierqa f'kull sottodiviżjoni.

Artikolu 32

1. Il-pjan ta' stabbiliment imsemmi fl-Artikolu 27, ħdejn l-għadd ta' postijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja, l-għadd awtorizzat fis-sena ta' qabel u l-għadd ta' postijiet tassew mimlijin.

Dan ikun limitu assolut għall-entità tal-Komunità; ma jistgħux isiru iktar ħatriet mil-limitu.

▼B

Madankollu, ħlief fil-każ ta' gradi ►M1 AD 16, AD 15, AD 14 u AD 13 ◄, il-bord ta' treġija jista' jibdel il-pjan ta' stabbiliment b'sa 10 % tal-postijiet awtorizzati, b'dawn iż-żewġ kondizzjonijiet:

(a) li ma jintlaqatx id-daqs ta' l-appropjazzjonijiet tal-persunal li jiġi daqs sena finanzjarja sħiħa;

(b) li l-limitu ta' l-għadd totali tal-postijiet awtorizzati mill-pjan ta' stabbiliment ma jinqabiżx.

2. B'deroga għat-tieni sottoparagrafu tal-paragrafu 1, l-effetti ta' xogħol *part-time* awtorizzat mill-awtorita li taħtar skond ir-Regolamenti tal-persunal jistgħu ikunu kkompensati b'ħatriet oħrajn. ►M1 Fejn membru tal-persunal jitlob l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni qabel l-iskadenza tal-perjodu mogħti, l-entità tal-Komunità għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tirrispetta l-limitu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun. ◄

TITOLU IV

IMPLIMENTAZZJONI TAL-*BUDGET*

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 33

Id-direttur jaqdi d-dmirijiet ta' l-uffiċċjal li jawtorizza. Għandu/ha j/-timplimenta d-dħul u l-infiq tal-*budget* skond ir-regoli finanzjarji ta' l-entità tal-Komunità, fuq responsabbilta' tiegħu/tagħha stess u fil-limiti ta' l-appropjazzjonijiet awtorizzati.

▼M1

Bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' l-uffiċjal awtorizzanti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi u irregolaritajiet, l-entità Komunitarja għandha tipparteċipa f'attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

▼B

Artikolu 34

1. Id-direttur j/tista' jiddelga l-poteri tiegħu/tagħha li timplimenta l-*budget* lil persunal ta' l-entità tal-Komunità li jaqa' taħt ►M1 ir-Regolamenti tal-Persunal ◄, skond il-kondizzjonijiet preskritti mir-regoli finanzjarji, fis-sens ta' l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, addottat mil-bord ta' treġija. Dawk li għandhom dawn il-poteri jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tal-poteri li ngħataw espressament.

2. Dak li jkun irċieva d-delegazzjoni jista jiddelega l-poteri li rċieva lil ħaddieħor, kif previst fir-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament imsemmijin fl-Artikolu 99. Kull att ta' sottodelegazzjoni jkun irid il-qbil espliċitu tad-direttur.

Artikolu 35

▼M1

1. L-atturi finanzjarji kollha fit-tifsira tal-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-verifika jew il-kontroll tal-baġit għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe miżura li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk ta' l-entità tal-Komunità. F'każ bħal dan, il-persuna kkonċernata għandha tastjeni milli tieħu tali miżuri u tirreferi l-każ lill-awtorità kompetenti.

▼M1

2. Ikun hemm kunflitt ta' interessi jekk l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' persuna msemmija fil-paragrafu 1 jkun kompromess minħabba raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, interess ekonomiku jew kull interess ieħor maqsum bħal tal-benefiċjarju.

▼B

3. L-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 tkun is-superjur immedjat tal-membru tal-persunal ikkonċernat. Jekk il-membru tal-persunal ikun id-direttur, l-awtorita' kompetenti tkun il-bord ta' treġija.

Artikolu 36

1. Il-*budget* ikun implimentat mid-direttur fid-dipartmenti mpoġġija taħt l-awtorita tiegħu/tagħha.

2. Kompiti ta' kompetenza teknika u kompiti amminstrattivi, preparatorji jew anċillarji li la jeħtiġu l-eżerċitazzjoni ta' awtorita pubblika u lanqas l-użu ta' poteri ta' ġudizzju diskrezjonali jistgħu jingħataw b'appalt lil entitajiet esterni tal-qasam privat, fejn ma jistax isir mod ieħor.

KAPITOLU 2

Atturi finanzjarji

Sezzjoni 1

Prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet

Artikolu 37

Id-dmirijet ta' l-uffiċċjal li jawtorizza u tal-uffiċċjal tal-kontijiet ikunu segregrati u reċiprokament inkompatibbli

Sezzjoni 2

L-uffiċċjal li jawtorizza

Artikolu 38

1. L-uffiċċjal li jawtorizza ikollu r-responsabbilta li jimplimenta d-dħul u l-infiq skond il-prinċipju ta' treġija finanzjarja tajba u li jiżgura li l-ħtiġiet ta' legalita u regolarita jkunu mħarsa.

2. Biex jimplimenta l-infiq, l-uffiċċjal li jawtorizza jrid jagħmel impenni fil-*budget* u legali, irid jivvalida n-nefqa u jawtorizza pagamenti u jagħmel ix-xogħol ta' tħejjija għall-implimentazzjoni ta' l-appropjazzjonijiet.

3. L-implimentazzjoni tad-dħul issir billi jsiru stimi ta' ammonti li għandhom jitħallsu, ikunu stabbiliti l-intitolamenti li jridu jkunu rkuprati u l-ħruġ ta' ordnijiet ta' rkupru. Tinvolvi t-tneħħija ta' intitolamenti stabbiliti.

4. L-uffiċċjal li jawtorizza jistabbilixxi l-istruttura organizzativa u sistemi ta' treġija u ta' kontrolli interni għall-qadi ta' dmirijietu/ha, inkluż verifikazzjonijiet fuq li jkun sar, fejn xieraq, b'osservanza għall-istandardi minimi addottati mil-bord ta' treġija fuq il-bażi ta' standardi ekwivalenti li l-Kummissjoni tippreskrivi għad-dipartimenti tagħha stess, b'attenzjoni xierqa għar-riskji marbuta ma' l-ambjent ta' treġija u n-natura ta' l-azzjoni ffinanzjata.

L-uffiċċjal li jawtorizza j/tistabbilixxi fid-dipartiment tiegħu/tagħha stess funzjoni ta' kompetenza u parir maħsuba biex tgħinu/ha jikkontrolla r-riskji involuti fl-attivitajiet tiegħu/tagħha.

▼B

5. Qabel ma tkun awtorizzata operazzjoni, l-aspetti operattivi u finanzjarji jridu jkunu vverifikati minn membri tal-persunal li mhumiex min beda l-operazzjoni. Il-bidu ta' operazzjoni u l-verifikazzjonijiet ta' qabel ma tibda u ta' li jkun sar huma funzjonijiet separati.

6. L-uffiċċjal li jawtorizza Iżomm id-dokumenti ta' sostenn li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet li jkunu saru fuq medda ta' ħames snin mid-data tad-deċiżjoni li tat ir-rilaxx għall-implimentazzjoni tal-*budget*. ►M1 Fejn hu possibbli, id-data personali fid-dokumenti ta' prova għandha titħassar meta dik id-data ma tkunx neċessarja għar-rilaxx tal-baġit jew għal skopijiet ta' kontroll u verifika. Fi kwalunkwe każ, rigward iż-żamma ta' traffic data, għandu japplika l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) 45/2001. ◄

Artikolu 39

1. Il-bidu ta' operazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 38(5) għandu jinftiehem bħala l-operazzjonijiet kollha ta' tħejjija għall-addozzjoni ta' l-atti li jimplimentaw il-*budget* magħmula mill-uffiċċjali li jawtorizzaw responsabbli msemmijin fl-Artikoli 33 u 34.

2. Verifikazzjoni minn qabel ta' operazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 38(5) għandu jinftiehem bħala l-kontrolli minn qabel li l-uffiċċjal li jawtorizza jagħmel biex jivverifika l-aspetti operattivi u funzjonali.

3. Trid issir mill-inqas verifkazzjoni minn qabel waħda fuq kull operazzjoni. Din il-verifikazzjoni trid taċċerta li:

(a) n-nefqa kif suppost u taqbel mad-dispożizzjonijiet rilevanti;

(b) kien applikat il-prinċipju tat-treġija finanzjarja tajba msemmi fl-Artikolu 25.

▼M1

Għall-fini tal-verifika *ex ante*, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jqis serje ta' tranżazzjonijiet individwali simili li jirrigwardaw infiq ta' rutina fuq salarji, pensjonijiet, ħlas lura ta' spejjeż ta' missjonijiet u spejjeż mediċi bħala operazzjoni waħda.

Fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, skond il-valutazzjoni tiegħu tar-riskju, għandu jwettaq verifika ex post xierqa skond il-paragrafu 4.

▼B

4. L-iskop tal-verifikazzjoni ta' wara tad-dokumenti u, fejn xieraq, verifikazzjonijiet għal għarrieda, hu li jkun ivverifikat li l-operazzjonijiet imħallsa mill-*budget* saru sew u b'mod partikolari li l-kriterji msemmijin fil-paragrafu 3 kienu mħarsa. Dawn il-verifiki jistgħu ikunu organizzati fuq bażi ta' kampjun permezz ta' analiżi tar-riskju.

5. L-uffiċjali jew persunal ieħor li huma responsabbli għall-verifiki msemmijin fil-paragrafi 2 u 4 ikunu differenti minn dawk li jagħmlu l-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 u ma jiġux taħthom.

6. Il-persunal bir-responsabbilta li jeżaminaw bir-reqqa t-treġija ta' l-operazzjonijiet finanzjarji irid ikollhom il-ħiliet professjonali meħtieġa. Iridu jżommu kodiċi speċifiku ta' *standards* professjonali addottat mill-entità tal-Komunità u bbażat fuq *standards* preskritti mill-Kummissjoni għad-dipartimenti tagħha stess.

Artikolu 40

▼M1

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jirrapporta lill-bord ta' ġestjoni dwar il-qadi ta' dmirijietu fil-forma ta' rapport ta' attività annwali, flimkien ma' l-informazzjoni finanzjarja u dik dwar il-ġestjoni li tikkonferma li l-informazzjoni fir-rapport tirrappreżenta veduta reali u ġusta

▼M1

għajr fejn ikun speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riżerva relatata ma' oqsma ta' dħul u nfiq definiti

Ir-rapport ta' attività annwali għandu jindika r-riżultati ta' l-operazzjonijiet tiegħu b'riferenza għall-għanijiet stabbiliti, ir-riskji marbuta ma' dawn l-operazzjonijiet, l-użu li sar mir-riżorsi pprovduti u l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontoll intern. L-awditur intern skond it-tifsira ta' l-Artikolu 71 għandu jqis ir-rapport ta' ħidma annwali u kwalunkwe informazzjoni oħra identifikata.

▼B

2. Sa mhux iktar tard mil-15 ta' Ġunju ta' kull sena, il-bord ta' treġija jibgħat analiżi u evalwazzjoni tar-rapport annwali ta' l-uffiċċjal li jawtorizza dwar is-sena finanzjarja ta' qabel, lill-awtorita tal-*budget* u lill-Qorti ta' l-Awdituri. Din l-analiżi u evalwazzjoni tkun inkluża fir-rapport annwali ta' l-entità tal-Komunità, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istrument kostitwenti.

Artikolu 41

Kull membru tal-persunal involut fit-treġija finanzjarja u kontroll tat-transazzjonijiet li s-superjur tiegħu/tagħha i/tridu/ha t/jaqbel magħha hi irregolari jew kontra l-prinċipji ta' treġija finanzjarja tajba jew ir-regoli professjonali li j/trid i/tħares, i/trid j/tinforma lid-Direttur bil-miktub u, jekk dan ma jagħmel xejn fi żmien raġjonevoli, lill-panel imsemmi fl-Artikolu 47(4) u lill-bord ta' treġija. Jekk ikun hemm attivita illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tħassar l-interessi tal-Komunità i/trid j/-tgħarraf lill-awtorita u l-korpi nnominati mill-leġislazzjoni applikabbli.

Artikolu 42

Meta l-poteri għall-implimentazzjoni tal-*budget* ikunu ddelegati jew sottodelegati skond l-Artikolu 34, l-Artikolu 38(1), (2) u (3) ikunu jgħoddu mutatis mutandis għall-uffiċċjali b'delegazzjoni jew sottodelegazzjoni li jawtorizzaw.

Sezzjoni 3

Uffiċjal tal-kontijiet

▼M1

Artikolu 43

1. Il-bord ta' ġestjoni għandu jaħtar uffiċjal tal-kontabilità, kopert bir-Regolamenti tal-Persunal, li fil-qadi ta' dmirijietu l-funzjoni tiegħu għandha tkun waħda indipendenti. Fi ħdan l-entità Komunitarja huwa għandu jkun responsabbli minn:

(a) implimentazzjoni tajba ta' dħul u rkupru ta' ammonti stabbiliti li għandhom jittieħdu;

(b) iħejji u jippreżenta l-kontijiet skond it-Titolu VII;

(ċ) iżomm il-kontijiet skond it-Titolu VII;

(d) implimentazzjoni, skond it-Titolu VII, ir-regoli u l-metodi taż-żamm tal-kotba u l-karta tal-kontijiet skond id-dispożizzjonijiet addottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni;

(e) id-deċiżjoni li jiġu stabbiliti s-sistemi tal-kontabilità u l-validazzjoni tagħhom u, fejn xieraq, sistemi ta' validazzjoni stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti maħsuba biex ifornu jew jiġġustifikaw l-informazzjoni dwar il-kontijiet; l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jkollu s-setgħa li jivverifika r-rispett lejn il-kriterji ta' validazzjoni;

(f) jamministra l-fondi.

2. L-uffiċjal tal-kontijiet jikseb l-informazzjoni meħtieġa biex isiru kontijiet li jagħtu stampa veru ta' l-assi ta' l-entità tal-Komunità u ta'

▼M1

l-implimentazzjoni tal-baġit, mingħand l-uffiċjal awtorizzanti, li jiggarantixxi li din tkun informazzjoni affidabbli.

2a. Qabel l-adozzjoni tal-kontijiet mid-Direttur, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jiffirmahom u b'dan jiċċertifika li għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-entità Komunitarja.

Għal dan l-għan, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jkun sodisfatt li l-kontijiet tħejjew skond ir-regoli, il-metodi u s-sistemi ta' kontabilità stabbiliti u li d-dħul u l-infiq kollu jkun iddaħħal fil-kontijiet.

L-uffiċjal awtorizzanti għandu jgħaddi l-informazzjoni kollha li l-uffiċjal tal-kontabilità ikollu bżonn biex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu.

L-uffiċjal awtorizzanti għandu jibqa' għal kollox responsabbli għall-użu xieraq tal-fondi li jkun jamministra u kif ukoll għal-legalità u r-regolarità ta' l-infiq taħt il-kontroll tiegħu.

2b. L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jingħata s-setgħa li jivverifika l-informazzjoni li jirċievi kif ukoll li jagħmel kull verifika oħra li jħoss li tkun meħtieġa biex ikun jista' jiffirma l-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jagħmel ir-riżervi tiegħu, jekk ikun hemm bżonn, filwaqt li jfisser preċiżament in-natura u l-iskop ta' dawn ir-riżervi.

2ċ. L-uffiċjal tal-kontabilità ta' l-entità Komunitarja għandu japprova l-kontijiet annwali u jibgħathom lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

3. Bla ħsara għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 44, l-uffiċjal tal-kontabilità biss għandu l-poter tal-ġestjoni ta' flus likwidi u l-ekwivalenti tagħhom. Hu għandu jkun responsabbli għaż-żamma fiżżgur tagħhom.

4. Fit-twettiq ta' dmirijietu, l-uffiċjal tal-kontabilità jista' jiddelega ċerti kompiti lil persunal ta' taħtu, bla ħsara għar-Regolamenti tal-Persunal, fejn dan ikun indispensabbli għall-qadi ta' dmirijietu.

5. L-istrument tad-delegazzjoni jippreskrivi l-kompiti fdati lil min jirċievi d-delegazzjoni u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

▼B

Sezzjoni 4

Amministratur tal-flus akkont

Artikolu 44

Meta, biex isir ħlas ta' somom żgħar u biex jinġabar dħul ieħor imsemmi fl-Artikolu 5, ma jistax isir mod ieħor, jistgħu jinfetħu kontijiet ta' flus akkont li jimtlew mill-uffiċċjal tal-kontijiet u jitpoġġew taħt ir-responsabbilta ta' amministraturi tal-flus akkont li j/tinnomina hu/hi.

L-ogħla ammont ta' kull oġġett ta' nfiq jew dħul li jista' jitħallas mill-administratur tal-flus akkont ma jistax jaqbeż ċertu ammont speċifikat minn kull entità tal-Komunità għal kull oġġett ta' nfiq jew dħul.

▼M1

Ħlasijiet minn kontijiet ta' flus akkont (imprest) jistgħu jsiru permezz ta' trasferiment ta' kreditu bil-bank, inkluża s-sistema ta' debitu dirett imsemmija fl-Artikolu 66 (1a), ċekk jew mezz ieħor ta' ħlas, skond l-istruzzjonijiet stipulati mill-uffiċjal tal-kontabilità.

▼B

KAPITOLU 3

Responsabbilta' ta' l-atturi finanzjarji

Sezzjoni 1

Regoli Ġenerali

Artikolu 45

1. Mingħajr preġudizzju għal azzjoni dixxiplinari, l-awtorita' li ħatret lill-uffiċċjali bid-delegazzjoni jew sottodelegazzjoni li jawtorizzaw tista' tneħħilhom id-delegazzjoni jew is-sottodelegazzjoni temporanjament jew għal kollox.

L-uffiċċjal li jawtorizza j/tista', f'kull żmien, j/tirtira l-qbil tiegħu/tagħha għal sottodelegazzjoni speċifika.

2. Mingħajr preġudizzju għal azzjoni dixxiplinari, il-bord ta' treġija jista', f'kull żmien, jissospendi lill-uffiċċjal tal-kontijiet milli jaqdi dmirijietu temporanjament jew għal kollox. Il-bord ta' treġija jaħtar uffiċċjal tal-kontijiet temporanju.

3. Mingħajr preġudizzju għal azzjoni dixxiplinari, l-uffiċċjal tal-kontijiet jista', f'kull żmien, jissospendi lill-amministratur tal-flus akkont milli jaqdi dmirijietu temporanjament jew għal kollox.

Artikolu 46

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu huma mingħajr preġudizzju għar-responsabbilta' quddiem il-liġi kriminali, li għandhom l-uffiċċjal tal-kontijiet u l-persuni msemmijin fl-Artikolu 45, kif previst fil-liġi nazzjonali li tkun tgħodd u fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet u dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċċjali tal-Komunitajiet jew uffiċċjali ta' l-Istati Membri.

2. Tista' tittieħed azzjoni dixxiplinari fuq kull uffiċċjal li jawtorizza, uffiċċjal tal-kontijiet, jew amministratur ta' l-flus akkont u jistgħu jintalbu jħallsu kumpens kif stabbilit fir-regolamenti tal-persunal, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 47, 48 u 49. Fil-każ ta' attivita illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi tal-Komunità, il-każ jittieħed għand l-awtoritajiet u korpi nnominati mil-leġislazzjoni applikabbli.

▼M1

Taqsima 2

Regoli applikabbli għall-uffiċjali awtorizzanti u għall-uffiċjali awtorizzanti b'delega jew sottodelega'

Artikolu 47

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jkun soġġett għall-ħlas ta' kumpens kif stipulat fir-Regolamenti tal-Persunal.

1a. L-obbligu li jitħallas kumpens japplika b'mod partikolari jekk:

(a) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba traskuraġni serja min-naħa tiegħu, jiddetermina li għandhom jiġu rkuprati drittijiet jew joħroġ ordnijiet ta' rkupru, jikkommetti spiża jew jiffirma ordni ta' ħlas mingħajr ma jkun konformi ma' dan ir-Regolament u r-regoli ta' l-implimentazzjoni tiegħu;

(b) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba traskuraġni serja min-naħa tiegħu, jonqos milli jħejji dokument li jistabbilixxi ammont riċevibbli, jonqos milli joħroġ ordni ta' rkupru jew

▼M1

jittardja l-ħruġ ta' tali ordni jew ta' ordni għal ħlas, u b'hekk jesponi lill-entità Komunitarja għal azzjoni ċivili minn partijiet terzi.

2. Uffiċjal awtorizzanti b'delega jew sottodelega li jqis li deċiżjoni li taqa' taħt ir-responsabbilta tiegħu hija irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, għandu jgħarraf bil-miktub lill-awtorità li tkun iddelegatu. Jekk l-awtorita li tkun għamlet id-delegazzjoni tagħti struzzjoni motivata bil-miktub lill-uffiċjal b'delega jew sottodelega għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni kkonċernata, dan irid jimplimentaha u ma jistax jinżamm responsabbli.

3. Fil-każ ta' delega, l-uffiċjal awtorizzanti għandu jibqa' responsabbli mill-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi interni ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti u għall-għażla ta' l-uffiċjal awtorizzanti b'delega.

4. Il-panel speċjalizzat dwar l-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 66(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, għandu jeżerċita l-istess setgħat fir-rigward ta' l-entità Komunitarja li jeżerċita fir-rigward ta' dipartimenti tal-Kummissjoni, sakemm il-bord ta' ġestjoni ma jiddeċidix li jwaqqaf bord funzjonalment indipendenti, jew li jipparteċipa f'bord konġunt imwaqqaf minn diversi entitajiet Komunitarji. Għal dawk il-każi mressqa mill-entitajiet Komunitarji, il-bord speċjalizzat dwar l-irregolaritajiet finanzjarji stabbilit mill-Kummissjoni għandu jinkludi membru tal-persunal ta' entità Komunitarja.

Fuq il-bażi tal-fehma ta' dan il-panel, id-Direttur għandu jiddeċiedi jekk jibdiex il-proċeduri dixxiplinari jew proċeduri biex jitħallas kumpens. Jekk il-panel isib problemi sistemiċi, jibgħat rapport bir-rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti u lill-awditur intern tal-Kummissjoni. Jekk il-fehma timplika lid-Direttur, il-bord għandu jibgħatha lill-bord ta' ġestjoni u lill-awditur intern tal-Kummissjoni. Id-Direttur għandu jirreferi, f'forma anonima, l-għażliet tal-bord fir-rapport ta' attività annwali tiegħu u jindika l-miżuri ta' segiwtu meħuda.

5. Kull membru tal-persunal jista' jintalab jagħmel tajjeb għad-dannu, kollu jew parti minnu, li tkun sofriet l-entità tal-Komunità minħabba mġiba serjament ħażina min-naħa tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijietu jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu.

L-awtorità li taħtar għandha tieħu deċiżjoni motivata wara li tlesti l-formalitajiet preskritti mir-Regolamenti tal-Persunal rigward kwistjonijiet dixxiplinari

▼B

Sezzjoni 3

Regoli li jgħoddu għall-uffiċċjali tal-kontijiet u għall-amministraturi tal-flus akkont.

Artikolu 48

Uffiċjal tal-kontijiet jista' jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinarja u ħlas ta' kumpens, skond ir-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari meta:

(a) j/titlef flejjes ta' danni, assi u dokumenti li jkunu għandu jew b'negligenza tiegħu/tagħha jintilfu jew tiġrilhom xi ħsara;

(b) j/tibdel kontijiet tal-bank jew kontijiet ġiro f'uffiċċju postali mingħajr ma jgħarraf lill-uffiċċjal li jawtorizza minn qabel;

(ċ) j/tirkupra jew i/tħallas ammonti li ma jaqblux ma' l-ordnjiet korrispondenti ta' rkupru jew ħlas;

(d) j/tonqos milli j/tiġbor dħul dovut.

▼B

Artikolu 49

Amministratur tal-flus akkont jista' jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinarja u ħlas ta' kumpens, skond ir-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari meta:

(a) j/titlef flejjes ta' danni, assi u dokumenti li jkunu għandu jew b'negligenza tiegħu/tagħha jintilfu jew tiġrilhom xi ħsara;

(b) ma jkollux/hiex dokumenti ta' sostenn xierqa ta' pagamenti li t/jkun għamel/let;

(ċ) i/tħallas lil persuni li mhumiex dawk intitolati;

(d) j/tonqos milli j/tiġbor dħul dovut.

KAPITOLU 4

Operazzjonijiet ta' dħul

Sezzjoni 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

▼M1

Artikolu 50

L-entità Komunitarja tressaq talbiet lill-Kummissjoni għal ħlas tassussidju, kollu jew parti minnu, tal-Komunità, skond l-Artikolu 15(5) taħt termini u f'intervalli miftehma mal-Kummissjoni.

▼B

Artikolu 51

Il-fondi li l-Kummissjoni tħallas lill-entità tal-Komunità b'sussidju iridu jagħtu imgħax għall-benefiċċju tal-*budget* ġenerali.

Sezzjoni 2

Stimi ta' amonti li għandhom jiddaħħlu

Artikolu 52

L-istimi ta' l-ammonti li għandhom jiddaħħlu l-ewwel jagħmilhom l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli għal kull miżura jew sitwazzjoni li tista' toħloq jew tibdel ammont li jrid jingħata lill-entità tal-Komunità.

Sezzjoni 3

Stabbiliment ta' l-ammonti li għandhom jiddaħħlu

Artikolu 53

1. Permezz ta' stabbiliment ta' ammont li għandu jiddaħħal, l-uffiċċjal li jawtorizza jew l-uffiċċjal b'delegazzjoni li jawtorizza:

(a) jivverifika li hemm dejn;

(b) jiddetermina jew jivverifika l-verita u l-ammont tad-dejn;

(ċ) jivverifika l-kondizzjonijiet li fihom dovut id-dejn.

2. Kull ammont dovut identifikat b'ċertezza, ta' ammont fiss u dovut irid ikun stabbilit b'ordni ta' rkupru mogħtija lill-uffiċċjal tal-kontijiet, flimkien ma' nota ta' debitu li tintbagħat lid-debitur. Dawn iż-żewġ dokumenti jridu jsiru u jintbagħtu mill-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli.

▼M1

3. Il-kuntratti u l-ftehimiet ta' għoti konklużi mill-entità Komunitarja għandhom jipprovdu li kwalunkwe dejn li ma jitħallasx fid-data prevista fin-nota ta' debitu għandu jiżdiedlu l-imgħax skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 [1]. Il-kundizzjoni li permezz tagħha l-imgħax fuq ħlas li jsir tard huwa dovut lill-entità Komunitarja, inkluża r-rata ta' interessi bl-arretrati, għandha tissemma b'mod espliċitu fil-kuntratti u l-ftehimiet ta' l-għoti.

▼B

4. F'każi ssostanzjati kif suppost, xi oġġetti ta' dħul ta' rutina jistgħu ikunu stabbiliti provviżorjament.

Stabbiliment provviżorju jkopri l-irkupru ta' diversi ammonti individwali li b'hekk ma jkunx hemm bżonn li jkunu stabbiliti individwalment.

Qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja, l-uffiċċjal li jawtorizza jemenda l-ammonti stabbiliti provviżorjament biex jiżgura li jaqblu ma' l-ammonti li jridu jitħallsu tabilħaqq stabbiliti.

Sezzjoni 4

Awtorizzazzjoni għall-irkupru

Artikolu 54

Permezz ta' l-awtorizzazzjoni għall-irkupru l-uffiċċjal li jawtorizza jagħti struzzjonijiet lil-uffiċċjal tal-kontijiet, billi joħroġ ordni ta' rkupru, biex jirkupra ammont li għandu jiddaħħal li j/tkun stabbilixxa/iet.

Sezzjoni 5

Irkupru

Artikolu 55

1. Ammonti mħallsin għalxejn ikunu rkuprati.

2. L-uffiċjal tal-kontijiet jaġixxi fuq ordnijiet ta' rkupru għal ammonti li għandhom jiddaħħlu stabbiliti kif suppost mill-uffiċċjal li jawtorizza jew l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli. J/Teserċita d-diligenza dovuta biex j/tiżgura li l-entità tal-Komunità tirċeivi d-dħul tagħha u j/tara li d-drittijiet tagħha huma salvagwardjati.

3. ►M1 Fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun qed jippjana li jirrinunzja jew li jirrinunzja parzjalment għall-irkupru ta' ammont riċevibbli stabbilit, huwa għandu jiżgura li r-rinunzja tkun skond ir-regoli u tkun tikkonforma mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità.

Tali rinunzja għandha ssir b'deċiżjoni debitament sostanzjata min-naħa ta' l-uffiċjali awtorizzanti. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega tali deċiżjoni biss għal ammonti riċevibbli ta' anqas minn EUR 5 000. ◄

Id-deċiżjoni tar-rinunzja trid tiddikjara x'azzjoni saret biex l-irkupru jkun żgurat u l-punti tal-liġI u l-fatti li hi bbażata fuqhom.

4. L-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli Iħassar ammont stabbilit li jrid jiddaħħal meta żball rigward punt ta' liġi jew fatt juri li l-ammont ma kienx stabbilit sew. Kanċellazzjoni hekk issir fuq deċiżjoni ta' l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli u trid tkun issostanzjata kif jixraq.

5. L-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli irid iżid jew inaqqas l-ammont ta' dejn stabbilit meta s-sejba ta' żball ta' fatt tinneċessita bidla fl-ammont tad-dejn, sakemm din il-korrezzjoni ma tinvolvix telf mill-intitolament stabbilit ta' l-entità tal-Komunità. Aġġustament hekk

[1] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

▼B

isir b'deċiżjoni ta' l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli u jrid ikun issostanzjat kif jixraq.

Artikolu 56

1. Malli l-irkupru tas-somma dovuta jsir tassew, l-uffiċċjal tal-kontijiet jagġmel annotazzjoni fil-kontijiet u jgħarraf lill-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli.

2. Tinħareġ riċevuta għall-pagamenti kollha bi flus li jkunu saru lill-uffiċċjal tal-kontijiet.

Artikolu 57

1. Jekk l-irkupru ma jkunx sar sad-data stipulata fin-nota tad-debitu, l-uffiċċjal tal-kontijiet irid jgħarraf lill-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli u jibda mill-ewwel il-proċedura biex jagħmel irkupru bil-mezzi offerti mil-liġi, inkluż, fejn xieraq, permezz ta' kumpens, u jekk dan ma jistax isir, b'irkupru sfurzat.

2. L-uffiċjal tal-kontijiet jirkupra l-ammonti billi jikkumpensa bi drittijiet ekwivalenti li l-entità tal-Komunità għandha fuq debituri li huma stess għandhom drittijiet aċċertati fuq l-entità tal-Komunità, għal ammont fiss u dovut, sakemm il-kumpens hu legalment possibbli.

Artikolu 58

L-uffiċjal tal-kontijiet, b'kollaborazzjoni ma' l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli, jista' jagħti iktar żmien għall-pagament biss fuq talba bil-miktub mingħand id-debitur, b'indikazzjoni tar-raġunijiet, b'dawn iż-żewġ kondizzjonijiet:

▼M1

(a) id-debitur jimpenja ruħu li jħallas interessi bir-rata speċifikata fl-Artikolu 86 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għall-perjodu addizzjonali kollu permess, li għandu jibda mid-*data* stipulata fin-nota ta' debitu

▼B

(b) biex ikunu ssalvagwardjati d-drittijiet ta' l-entità tal-Komunità, id-debitur irid jagħti garanzija finanzjarja li tagħmel tajjeb kemm għassomma kif ukoll għall-imgħax.

▼M1

Artikolu 58a

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jżomm lista ta' l-ammonti dovuti li għandhom jiġu rkuprati, li fiha l-intitolamenti ta' l-entità Komunitarja jkunu miġbura skond id-*data* tal-ħruġ ta' l-ordni ta' rkupru. Huwa għandu wkoll jindika d-deċizjoni ta' rinunzja jew rinunzja parzjali ta' ammonti stabbiliti. Il-lista għandha tiżdied mar-rapport ta' l-entità Komunitarja dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja.

L-entità Komunitarja għandha tistabbilixxi lista ta' l-intitolamenti ta' l-entità li tindika l-ismijiet tad-debituri u l-ammont tad-debitu, fejn id-debitur ikun ġie ordnat iħallas b'deċiżjoni tal-Qorti li jkollha s-saħħa ta' *res judicata* u fejn l-ebda ħlas, jew l-ebda ħlas sinifikanti, ma jkun sar fi żmien sena minn meta tkun ingħatat tali deċiżjoni. Il-lista għandha tiġi ppubblikata, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni relevanti dwar il-ħarsien tad-*data*.

Artikolu 58b

L-intitolamenti ta' l-entità Komunitarja fir-rigward ta' partijiet terzi u l-intitolamenti ta' partijiet terzi fir-rigward ta' l-entità Komunitarja għandhom ikunu suġġetti għal terminu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.';

▼B

Sezzjoni 6

Dispożizzjonijiet speċifiċi li jgħoddu għall-miżati u spejjeż.

▼M1

Artikolu 59

Meta l-entità Komunitarja tiġbor miżati u ħlas imsemmijin fl-Artikolu 5(-a), stima totali provviżorja ta' dawn il-miżati u ħlasijiet issir fil-bidu ta' kull sena finanzjarja.

Fejn id-drittijiet u l-ispejjeż huma ddeterminati kompletament permezz ta' leġiżlazzjoni jew deċiżjonijiet tal-bord ta' ġestjoni, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jastjeni milli joħriġ ordnijiet ta' rkupru u, wara li jkun stabbilixxa l-ammont riċevibbli, iħejji direttament noti ta' debitu. F'dan il-każ, għandhom jiġu rreġistrati d-dettalji kollha ta' l-intitolament ta' l-entità Komunitarja. L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jżomm lista tan-noti ta' debitu kollha u jipprovdi l-għadd ta' noti ta' debitu u l-ammont globali fir-rapport ta' l-entità Komunitarja dwar il-ġestjoni finanzjarja u tal-baġit.

Fejn l-entità Komunitarja tuża sistema ta' fatturar separata, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jdaħħal is-somma akkumulata ta' drittijiet u spejjeż riċevuti fil-kontijiet regolarment, u ta' l-anqas kull xahar.

Bħala regola ġenerali l-entità tal-Komunitarja għandha tagħti servizzi fuq is-saħħa tal-kompiti fdati lilha biss wara li l-ħlas korrispondenti jkun sar kollu. Jekk, b'eċċezzjoni, ikun ingħata servizz mingħajr ma jkun sar il-ħlas minn qabel tad-dritt jew spiża, għandhom japplikaw it-Taqsimiet 3, 4 u 5 ta' dan il-Kapitolu.';

▼B

KAPITOLU 5

Operazzjonijiet ta' nfiq

Artikolu 60

1. Kull oġġett tan-nefqa ikun allokat, ivvalidat, awtorizzat u mħallas.

2. Kull impenn ta' ħlas irid jiġi wara deċiżjoni ta' finanzjament.

3. Il-programm ta' xogħol ta' l-entità tal-Komunità ikun jgħodd daqs deċiżjoni ta' finanzjament għall-attivitajiet li jkopri, sakemm dawn huma identifikati b'mod ċar u l-kriterja li huma mibnijin fuqhom magħmulin ċari ħafna. ►M1 Il-programm ta' ħidma għandu jinkludi għanijiet dettaljati u indikaturi tal-prestazzjoni. ◄

4. Approprjazzjonijiet amministrattivi jistgħu isiru mingħajr ma ssir deċiżjoni ta' finanzjament qabel.

Sezzjoni 1

Rabta ta' nfiq

Artikolu 61

1. L-irbit tal-*budget* huwa l-operazzjoni li twarrab l-appropjazzjonijiet meħtieġa biex ikopru pagamenti sussegwenti biex ikun onorat impenn legali.

2. Impenn legali huwa l-att fejn l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli jidħol f'obbligu jew jistabbilixxi obbligu li jirriżulta f'nefqa għall-*budget*.

3. Ir-rabta tal-*budget* tkun individwali ladarba jkunu magħrufin il-benefiċjarju u l-ammont tan-nefqa.

▼B

4. Ir-rabta tal-*budget* tkun globali meta mhux magħruf mill-inqas element wieħed minn dawk meħtieġa biex ikun identifikat l-impenn individwali.

5. Ir-rabta tal-*budget* tkun provviżorja meta tkun maħsuba biex tkopri nfiq amministrativ ta' rutina u mhux magħrufin definittivament l-ammont jew il-benefiċjarju finali.

L-irbit provviżorju tal-*budget* isir jew bil-konklużjoni ta' impenn legali individwali jew iktar li jagħtu intitolament għal pagamenti sussegwenti jew, f'każi eċċezzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' nfiq għal treġija ta' persunal, direttament bil-pagamenti.

▼M1

Artikolu 62

1. Għal kull miżura li tirriżulta f'nefqa li trid titħallas mill-baġit, l-ewwel l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jagħmel impenn fil-baġit qabel ma jidħol f'obbligu legali ma' partijiet terzi.

2. L-impenji globali tal-baġit għandhom ikopru n-nefqa totali ta' l-impenji legali individwali korrispondenti konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1.

Impenji legali individwali rigward impenji baġitarji individwali jew proviżorji għandhom ikunu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N.

Fi tmiem il-perjodi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu, il-bilanċ mhux użat ta' dawn l-impenji baġitarji għandu jkun diżimpenjat mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

3. L-impenji legali fis-seħħ għal azzjonijiet li jdumu iktar minn sena finanzjarja u l-impenji korrispondenti tal-baġit, ħlief għal infiq ta' persunal, irid ikollhom data finali għall-implimentazzjoni li tkun stabbilita skond il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Kull parti ta' tali impenji li ma tkunx twettqet sa sitt xhur wara dik id-*data* finali għandha titneħħa mill-impenji skond l-Artikolu 11.

L-ammont ta' impenn baġitarju li jikkorrispondi għal impenn legali li għalih ma jkun sar l-ebda ħlas fis-sens ta' l-Artikolu 67 f'perjodu ta' tliet snin wara li jiġi ffirmat l-impenn legali għandu jkun diżimpenjat.';

▼B

Artikolu 63

Meta jaddotta rabta tal-*budget*, l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli irid jiżgura li:

(a) in-nefqa tħallset mill-oġġett it-tajjeb fil-*budget*;

(b) l-approprjazzjonijiet huma disponibbli;

(ċ) l-infiq konformi mad-dispożizzjonijiet li jgħoddu, b'mod partikolari dawk ta l-istrument kostitwenti, ir-regoli finanzjarji ta' kull entità tal-Komunità u l-atti kollha addottati skondhom;

(d) l-prinċipju tat-treġija finanzjarja tajba qed jitħares.

Sezzjoni 2

Validazzjoni tan-nefqa

Artikolu 64

Permezz tal-validazzjoni tan-nefqa, l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli:

(a) jivverifika l-intitolament tal-kreditur;

(b) jivverifika l-kondizzjonijiet li skondhom dovut il-pagament;

▼B

(ċ) jiddetermina jew jivverifika kemm hu veru d-dritt u l-ammont tiegħu.

Artikolu 65

1. Validazzjoni ta' kull nefqa tkun ibbażata fuq dokumenti ta' sostenn li jaffermaw l-intitolament tal-kreditur, fuq il-bażi ta' rendikont tas-servizzi mogħtija tabilħaqq, provvisti tassew ikkonsenjati jew xogħol li sar tabilħaqq, jew fuq il-bażi ta' dokumenti oħrajn li jiġġustifikaw il-ħlas.

2. Id-deċiżjoni ta' validazzjoni issir magħrufa billi l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli jiffirma *voucher* ta' "mgħoddi għall-pagament".

3. F'sistema mhux ikkompjuterizzata, "mgħoddi għall-pagament" tkun timbru li jkun jinkorpora il-firma ta' l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli. F'sistema kkompjuterizzata, "mgħoddi għall-pagament" tkun validazzjoni permezz ta' kelma sigrieta li jkun jafha biss l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli.

Sezzjoni 3

Awtorizzazzjoni ta' nfiq

Artikolu 66

1. Permezz ta' l-awtorizzazzjoni ta' nfiq, l-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli, billi joħroġ ordni ta' pagament, jgħid lill-uffiċċjal tal-kontijiet iħallas oġġett ta' nefqa li jkun ivvalida.

▼M1

1a. Meta jsiru ħlasijiet perjodiċi għal servizzi mogħtija, inklużi servizzi ta' kiri, jew oġġetti kkonsenjati, u soġġett għall-analiżi tiegħu tar-riskju, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jordna l-applikazzjoni ta' sistema ta' debitu dirett.

▼B

2. L-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli jikteb id-data u jiffirma l-ordni ta' pagament, imbagħad jgħaddiha lill-uffiċċjal tal-kontijiet. L-uffiċċjal li jawtorizza responsabbli Iżomm id-dokumenti ta' sostenn skond l-Artikolu 38(6).

3. Fejn jixraq l-ordni ta' pagament mibgħuta lill-uffiċċjal tal-kontijiet ikollha magħha dokument li jiċċertifika li l-merkanzija ddaħħlet fl-inventarji msemmijin fl-Artikolu 90(1).

Sezzjoni 4

Ħlas ta' nfiq

Artikolu 67

1. Il-ħlas isir kif tintwera prova li l-azzjoni rilevanti saret skond id-dispposizzjonijiet ta' l-att bażiku fis-sens ta' l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali jew il-kuntratt jew ftehim tal-konċessjoni, u tkopri waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) ħlas ta' l-ammont dovut kollu;

(b) ħlas ta' l-ammont dovuti b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(i) finanzjament minn qabel, li jista' jitqassam fuq għadd ta' pagamenti;

(ii) pagament jew iktar temporanju;

(iii) pagament tal-bilanċ ta' l-ammonti dovuti.

▼B

Finanzjament minn qabel jgħodd għall-pagamenti temporanji kollha jew għal parti.

Il-finanzjament minn qabel kollu u pagamenti temporanji jgħoddu għall-ħlas tal-bilanċi.

2. Fil-kontijiet trid issir distinzjoni bejn it-tipi differenti ta' pagament imsemmijin fil-paragrafu 1 meta dawn isiru.

Artikolu 68

Il-ħlas ta' l-infiq isir mill-uffiċċjal tal-kontijiet fil-limiti tal-fondi disponibbli.

Sezzjoni 5

Limiti ta' żmien għal operazzjoni ta' nfiq.

Artikolu 69

Il-validazzjoni, awtorizzazzjoni u ħlas ta' nfiq irid isir fil-limiti ta' żmien speċifikati fi, u skond id-dispożizzjonijiet ta', ir-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

KAPITOLU 6

Sistemi ta' l-IT

Artikolu 70

Meta operazzjonijiet ta' dħul u nfiq isiru permezz ta' sistemi ta' kompjuter, id-dokumenti jridu jkunu ffirmati bi proċedura kkompjuterizzata jew elettronika.

KAPITOLU 7

Awditur intern

Artikolu 71

1. L-entità tal-Komunità irid ikollha funzjoni ta' verifikazzjoni interna li trid issir skond l-istandardi internazzjonali relevanti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38(4) l-awditur intern tal-Kummissjoni jeżerċita l-istess poteri fl-entitajiet tal-Komunità li jeserċita fid-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Artikolu 72

1. L-awditur intern jagħti pariri lill-entità tal-Komunità dwar kif ilaħħqu mar-riskji, billi jagħti fehmiet indipendenti fuq il-kwalità tas-sistemi ta' treġija u kontrolli u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet biex jirranġaw il-kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet u jġibu 'l quddiem treġija finanzjarja tajba.

I/tkun responsabbli li:

(a) j/tagħmel stima ta' kemm huma adattati u effettivi s-sistemi ta' treġija interna u l-prestazzjoni tad-dipartimenti biex jimplimentaw il-programmi u l-azzjonijiet billi ssir referenza għar-riskji marbutin magħhom; u

▼M1

(b) jivvaluta l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi interni ta' kontroll u verifika applikabbli għal kull operazzjoni ta' implimentazzjoni baġitarja.

▼B

2. L-awditur intern għandu jwettaq il-kompiti tiegħu fuq l-attivitajiet u d-dipartimenti kollha tal-korp Komunitarju. Hu/hi għandu jgawdi aċċess sħiħ u illimitat għall-informazzjoni meħtieġa biex iwettaq ħidmietu.

3. L-awditur intern j/tirraporta lill-bord ta' treġija u lid-Direttur fuq issejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu/tagħha. Jiżguraw li ssir azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-verifiki.

4. L-awditur intern jagħti rapport annwali tal-verifika interna lill-entità tal-Komunità, li fost affarijiet, oħrajn jistabbilixxi l-għadd u t-tip ta' verifiki interni li jkunu saru u l-azzjoni li ttieħdet fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Dan ir-rapport annwali jrid isemmi wkoll problemi sistemiċi li jinsabu mill-*panel* stabbilit skond l-Artikolu 66(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

5. Kull sena l-entità tal-Komunità tibgħat rapport lill-Kummissjoni u lill-awtorita responsabbli għar-rilaxx, li jkun imħejji mid-direttur u li jiġbor l-għadd u t-tip ta' verifiki interni li saru mill-awditur intern, ir-rakkomandazzjonijiet li saru u l-azzjonijiet li ttieħdu fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 73

Ir-responsabbilta' ta' l-awditur intern għall-azzjoni li tittieħed fil-qadi ta' dmirijietu/ha ikun iddeterminat skond l-Artikolu tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

TITOLU V

KSIB

▼M1

Artikolu 74

1. Fir-rigward ta' l-akkwisti, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju ġenerali u tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw bil-kundizzjoni ta' paragrafi 4 sa 7 ta' dan l-Artikolu.

2. L-entità Komunitarja tista' tkun assoċjata, bħala awtorità kontraenti, fl-għoti ta' kuntratti tal-Kummissjoni jew kuntratti interistituzzjonali u fl-għoti ta' kuntratti ta' entitajiet Komunitarji oħrajn.

3. L-entità Komunitarja għandha tipparteċipa fid-*database* ċentrali komuni stabbilita u mħaddma mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 95 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

4. L-entità Komunitarja ma tistax tikkonkludi kuntratt, mingħajr ma tirrikorri għal proċedura ta' sejħa pubblika għall-offerti, mal-Kummissjoni, l-uffiċċji interistituzzjonali u ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 ([1]) għall-forniment ta' prodotti, l-għoti ta' servizzi jew l-eżekuzzjoni ta' xogħol li jipprovdu dawn ta' l-aħħar.

5. L-entità Komunitarja tista' tapplika proċeduri ta' akkwist konġunti ma' l-awtoritajiet kontraenti ta' l-Istat Membru ospitanti sabiex tkopri ħtiġiet amministrattivi. F'dan il-każ, l-Artikolu 125c tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika *mutatis mutandis*.

6. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 101 tar-Regolament finanzjarju ġenerali, is-sejħa għall-offerti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni li l-

([1]) ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

▼M1

entità Komunitarja tista', qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, jew tikkanċella l-akkwist jew tikkanċella l-proċedura ta' l-għoti mingħajr ma l-kandidati jew min jitfa' offerta jkunu intitolati għal ebda pretensjoni ta' kumpens.

7. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, is-sejħiet għall-offerti mnedija mill-entità Komunitarja għandhom jipprovdu li din tista' tissospendi l-proċedura u tista' tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa, inkluż it-tħassir tal-proċedura taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-kuntratti konklużi mill-entità Komunitarja ma' operaturi ekonomiċi għandhom jistipulaw li hi tista' tieħu l-miżuri speċifikati f'dak l-Artikoli skond il-kundizzjonijeit stabbiliti fih.

TITOLU VA

TITOLU VA PROĠETTI B'IMPLIKAZZJONIJIET SINJIFIKANTI FUQ IL-BAĠIT

Artikolu 74a

Il-bord ta' ġestjoni, għandu jinnotifika malajr kemm jista' jkun lill-awtorità tal-baġit bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett, li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinjifikanti fuq il-finanzjament tal-baġit tiegħu, partikolarment xi proġetti relatati mal-proprjetà bħal kera jew xiri ta' bini. Huwa għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.

Fil-każ li kwalunkwe fergħa ta' l-awtorità tal-baġit bi ħsiebha toħroġ opinjoni, fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-informazzjoni dwar il-proġett għandha tinnotifika lill-entità Komunitarja bl-intenzjoni tagħha dwar il-ħruġ ta' tali opinjoni. Fin-nuqqas ta' tweġiba, l-entità Komunitarja tista' tipproċedi bl-operazzjoni ppjanata.

Din l-opinjoni għandha tintbagħat lill-entità Komunitarja fi żmien erba' ġimgħat minn meta ssir in-notifika skond it-tieni paragrafu.

TITOLU VB

ESPERTI

Artikolu 74b

Fl-għażla ta' esperti għandu japplika *mutatis mutandis* l-Artikolu 265a tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Tali esperti għandhom jitħallsu abbażi ta' ammont fiss, għall-għajnuna li jagħtu lill-entità Komunitarja, b'mod partikolari fil-valutazzjoni ta' proposti u applikazzjonijiet għall-għotjiet jew offerti għal akkwisti, u għall-għoti ta' għajnuna teknika matul il-ħidma sussegwenti u l-valutazzjoni finali tal-proġetti. L-entità Komunitarja tista' tuża l-listi ta' esperti mħejjija mill-Kummissjoni jew minn entitajiet Komunitarji oħrajn.

▼B

TITOLU VI

KONĊESSJONIJIET MOGĦTIJA MILL-ENTITÀ TAL-KOMUNITÀ

▼M1

Artikolu 75

1. Fejn l-entità Komunitarja tista' tagħti għotjiet skond l-istrument kostitwenti tagħha jew permezz ta' delega tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 54(2) (b) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġenerali u r-Regolament (KE,

▼M1

Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw bil-kundizzjoni tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. L-għotjiet għandhom ikunu koperti minn ftehimiet bil-miktub bejn l-entità Komunitarja u l-benefiċjarju.

3. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 119(2) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-ftehimiet ta' l-għoti konklużi mill-entità Komunitarja għandhom jistipulaw li hija tista' tissospendi, tnaqqas jew twaqqaf l-għotja fil-każi previsti fl-Artikolu 183 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità juri l-fehmiet tiegħu.

▼B

TITOLU VII

PRESENTAZZJONI TAL-KONTIJIET U TAŻ-ŻAMM TAL-KOTBA

KAPITOLU 1

Preżentazzjoni tal-kontijiet

Artikolu 76

Il-kontijiet annwali ta' l-entità tal-Komunità ikun fihom:

(a) ir-rendikonti finanzjarji ta' l-entità tal-Komunità;

(b) ir-rapporti fuq l-implimentazzjoni tal-*budget* ta' l-entità tal-Komunità.

▼M1

Il-kontijiet ta' l-entità Komunitarja għandu jkollhom magħhom rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja matul is-sena. Ir-rapport għandu jagħti kont, fost l-oħrajn, tar-rata ta' l-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni sommarja tat-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet fost id-diversi partiti tal-baġit.

▼B

Artikolu 77

Il-kontijiet iridu jħarsu r-regoli u jkunu eżatti u komprensivi u jippreżentaw stampa veru u ġusta:

(a) rigward ir-rendikonti finanzjarji, ta' l-assi u l-piżijiet, spejjeż u dħul, intitolamenti u obbligi li ma jidhrux bħala assi u piżijiet u dħul u nfiq ta' flus;

(b) rigward rapporti fuq implimentazzjoni tal-*budget*, ta' operazzjonijiet ta' dħul u nfiq.

Artikolu 78

Ir-rendikonti finanzjarji jitħejjew skond il-prinċipji taż-żamm tal-kotba ġeneralment aċċettati li jkunu speċifikati fir-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, li huma:

(a) bażi ta' negozju;

(b) prudenza;

(ċ) metodi konsistenti ta' żamm tal-kotba;

(d) it-tagħrif ikun jista' jitqabbel;

(e) materjalita;

(f) ma jkunx hemm innettjar;

(g) il-verita aqwa mid-dehra;

▼B

(g) żamm tal-kotba bbażat fuq l-akkumulazzjoni.

Artikolu 79

1. Minbarra l-prinċipji taż-żamm tal-kotba bbażati fuq l-akkumulazzjoni, ir-rendikonti finanzjarji jridu juru l-ħlas u d-dħul għas-sena finanzjarja, irrilevanti mid-data ta' ħlas jew ġbir.

2. Il-valur ta' l-assi u l-piżijiet ikun iddeterminat skond ir-regoli tal-valutazzjoni preskritti mil-metodi għaż-żamm tal-kotba previsti fl-Artikolu 132 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

Artikolu 80

1. Ir-rendikont finanzjarji jkunu ppreżentati bl-ewro u jkun fihom:

(a) il-karta tal-bilanċ u l-kont ekonomiku tal-kwantitajiet li jkunu nħadmu, li jirrapreżentaw l-assi u l-piżijiet u l-qagħda finanzjarja u l-kwantitajiet ekonomiċi li jkunu nħadmu fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel; ikunu ppreżentati skond l-istruttura preskritta mid-Direttiva tal-Kunsill fuq il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, u titqies ukoll in-natura speċifika ta' l-attivitajiet ta' l-entità tal-Komunità;

(b) il-lista tad-dħul u nfiq ta' flus li juru l-ammonti li nġabru u ħarġu matul is-sena, u l-aħħar pożizzjoni tat-teżor;

(ċ) rendikont tal-bidliet fil-kapital li juri bid-dettal iż-żiediet u t-tnaqqis matul is-sena f'kull oġġett fil-kontijiet tal-kapitali.

2. L-Anness tar-rendikonti finanzjarji jissuplimenta lil u jikkumenta dwar it-tagħrif mogħti fir-rendikonti msemmijin fil-paragrafu 1 u jagħti t-tagħrif ieħor kollu preskritt minn prattiċi li jkunj aċċettati internazzjonalment, meta dan it-tagħrif ikollu x'jaqsam ma' l-attivitajiet ta' l-entità tal-Komunità.

Artikolu 81

Ir-rapporti daw l-implimentazzjoni tal-*budget* iridu jkunu ppreżentati bl-ewro. Ikun fihom:

(a) Il-kont tal-*budget* tal-kwantitajiet li jkunu nħadmu, li jistabbilixxi l-ħidmiet kollha tal-*budget* għas-sena rigward dħul u nfiq; dan ikun ippreżentat bl-istess truttura tal-*budget* innifsu;

(b) L-Anness tal-kont tal-*budget* tal-kwantitajiet li jkunu nħadmu, li jissupplimenta lil, u jikkumenta dwar, it-tagħrif mogħti f'dak il-kont.

▼M1

Artikolu 82

Sa mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità irid jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mar-rapport fuq il-ġestjoni tal-baġit u finanzjarja matul is-sena, msemmi fl-Artikolu 76 ta' dan ir-Regolament, biex l-uffiċjal tal-kontabilità ikun jista' jikkonsolida l-kontijiet kif previst fl-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 83

1. Skond l-Artikolu 129(1) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, il-Qorti ta' l-Awdituri, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-kontijiet provizżorji ta' l-entità Komunitarja.

▼M1

2. Id-Direttur, malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji ta' l-entità tal-Komunità, irid iħejji l-kontijiet finali ta' l-entità tal-Komunità skond l-Artikolu 43, b'responsabbilta tiegħu stess, u jibgħathom lill-bord ta' ġestjoni, li jagħti fehma fuq dawn il-kontijiet.

3. Id-Direttur għandu jibgħat il-kontijiet finali, flimkien mal-fehma tal-bord ta' tmexxija, lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sa mhux iktar tard mill-1 Lulju tas-sena ta' wara.

4. Il-kontijiet finali ta' l-entità Komunitarja, ikkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni, għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.

5. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri risposta għall-osservazzjonijiet li tkun għamlet sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. Fl-istess waqt, it-tweġibiet ta' l-entità Komunitarja għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni.';

▼B

KAPITOLU 2

Żamm tal-Kotba

Sezzjoni 1

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 84

1. Is-sistema taż-żamm tal-kotba ta' l-entità tal-Komunità hi sistema li tintuża biex ikun organizzat it-tagħrif tal-*budget* u finanzjarju b'mod li ċ-ċifri jkunu jistgħu jiddaħħlu, jkunu arkivjati u rreġistrati.

2. Il-kontijiet ikunu magħmulin mill-kontijiet ġenerali u kontijiet tal-*budget*. Dawn il-kontijiet isiru bl-ewro fuq il-bażi ta' kull sena kalendarja.

3. Iċ-ċifri fil-kontijiet ġenerali u l-kontijiet tal-*budget* ikunu addottati f'għeluq is-sena tal-*budget* sabiex il-kontijiet imsemmijin fil-Kapitolu wieħed ikunu jistgħu isiru.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-uffiċċjal li jawtorizza jista' jżomm kontijiet analitiċi.

Artikolu 85

Ir-regoli u l-metodi taż-żamm tal-kotba u l-karta tal-kontijiet armonizzata li tkun applikata mill-entità tal-Komunità tkun addottata mill-uffiċċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

Sezzjoni 2

Kontijiet Ġenerali

Artikolu 86

Il-kontijiet ġenerali jżommu, b'ordni kronoloġika u bil-metodu tal-partita doppja, l-eventi u l-operazzjonijiet kollha li jolqtu l-qagħda ekonomika u finanzjarja u l-assi u l-piżijiet ta' l-entità tal-Komunità.

Artikolu 87

1. Ċaqliq fil-kontijiet u l-bilanċi jiddaħħal fir-reġistri tal-kontijiet.

▼B

2. L-annotazzjonijiet kollha tal-kontijiet, inkluži aġġustamenti lill-kontijiet, ikunu bbażati fuq dokumenti ta' sostenn, u li jkunu jirreferu għalihom.

3. Is-sistema taż-żamm tal-kotba trid tkun b'mod li l-annotazzjonijiet kollha tal-kontijiet ikunu jistgħu jissegwew.

Artikolu 88

L-uffiċċjal tal-kontijiet ta' l-entità tal-Komunità, wara għeluq is-sena tal-*budget* u sad-data tal-presentazzjoni tal-kontijiet finali, jista' jagħmel aġġustamenti li ma jinvolvux ħruġ jew ġbir għal dik is-sena, li jkunu meħtieġa għal presentazzjoni veru u ġusta tal-kontijiet skond ir-regoli.

Sezzjoni 3

Kontijiet tal-budget

Artikolu 89

1. Il-kontijiet tal-*budget* jagħtu rekord iddettaljat ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*.

2. Għall-iskop tal-paragrafu 1, il-kontijiet tal-*budget* iridu jżommu l-operazzjonijiet tad-dħul u nfiq tal-*budget* previst fit-Titolu IV ta' dan ir-regolament.

KAPITOLU 4

Inventarji tal-Propjeta

Artikolu 90

1. L-entità tal-Komunità żżomm inventarji li jkun fihom il-kwantita u l-valur ta' l-assi tanġibbli u mhux, u l-assi finanzjarji li jikkostitwixxu l-propjeta' tal-Komunità skond mudell imħejji mill-uffiċċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni.

L-entità tal-Komunità tikkontrolla li l-annotazzjonijiet fl-inventarju jaqblu mal-qagħda veru.

2. Il-bejgħ ta' propjeta mobbli tkun irreklamat b'mod xieraq.

TITOLU VIII

VERIFIKA ESTERNA U RILAXX

KAPITOLU 1

Verifika esterna

Artikolu 91

Il-Qorti ta' l-Awdituri teżamina bir-reqqa l-kontijiet ta' l-entità tal-Komunità skond l-Artikolu 248 tat-Trattat tal-KE.

Artikolu 92

1. L-entità tal-Komunità tibgħat il-*budget*, kif finalment addottat, lill-Qorti ta' l-Awdituri. Tgħarraf lill-Qorti ta' l-Awdituri, malajr kemm jista' jkun, b'kull deċiżjoni u bl-atti kollha li jkunu addottati skond l-Artikoli 10, 14, 19 u 23.

▼B

2. L-entità tal-Komunità tibgħat ir-regoli finanzjarji interni li taddotta lill-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Il-Qorti ta' l-Awdituri tkun mgħarrfa bil-ħatra ta' uffiċċjali li jawtorizzaw, uffiċċjali tal-kontijiet u amministratur ta' flus akkont u b'deċiżjonijiet ta' delegazzjoni skond l-Artikolu 34, l-Artikolu 43(1) u (4) u l-Artikolu 44.

Artikolu 93

L-iskrutinju li tagħmel il-Qorti ta' l-Awdituri jkun irregolat bl-Artikoli 139 sa 144 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

KAPITOLU 2

Rilaxx

▼M1

Artikolu 94

1. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N+2, ħlief fejn ikun ipprovdut b'mod ieħor fl-istrument kostitwenti, jagħti r-rilaxx lid-direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N. Id-Direttur għandu jinforma lill-bord ta' ġestjoni bl-osservazzjonijiet tal-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni anċillari mad-deċiżjoni tar-rilaxx.

2. Jekk id-*data* prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tintlaħaq, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jgħarraf lid-direttur bir-raġunijiet tal-posponiment.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jipposponi d-deċiżjoni li tagħti r-rilaxx, id-direttur, f'kooperazzjoni mal-bord ta' ġestjoni, għandu jagħmel l-isforzi kollha biex malajr kemm jista' jkun jieħu miżuri biex ineħħi jew jiffaċilita t-tneħħija ta' l-ostakli għal dik id-deċiżjoni.

▼B

Artikolu 95

1. Id-deċiżjoni ta' rilaxx tkopri l-kontijiet tad-dħul u nfiq kollu ta' l-entità tal-Komunità, u juri l-bilanċ li jirriżulta u l-assi u l-piżijiet ta' l-entità tal-Komunità.

2. Bit-tir li jikkonċedi r-rilaxx, il-Parlament Ewropew, wara li jkun għamel hekk il-Kunsill, jeżamina l-kontijiet u r-rendikonti finanzjarji ta' l-entità tal-Komunità. Teżamina wkoll ir-rapport annwali magħmul mill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet tad-direttur ta' l-entità tal-Komunità, kull rapport speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri li għandhom x'jaqsmu mas-sena finanzjarja kkonċernata u r-rendikont ta' assigurazzjoni tal-Qorti ta' l-Awditrui rigward kemm wieħed jista' joqgħod fuq il-kontijiet u l-legalita u r-regolarita tat-transazzjonijiet li huma mibnijin fuqhom.

3. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, id-direttur jagħtih kull tagħrif meħtieġ għall-applikazzjoni bla tfixkil tal-proċedura tar-rilaxx għas-sena kkonċernata, bl-istess mod kif previst fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

Artikolu 96

1. Id-direttur jieħu l-passi xierqa biex jaġixxi fuq l-osservazzjonijiet li jkunu mad-deċiżjoni ta' rilaxx tal-Parlament Ewropew u fuq il-kummenti li jkunu mar-rakkomandazzjoni għar-rilaxx addottata mill-Kunsill.

2. Fuq talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, id-direttur jirraporta fuq il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u

▼B

kummenti. J/tibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri.

TITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET TEMPORANJI U FINALI

▼M1

_____

▼B

Artikolu 98

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jingħataw il-poteri li jiksbu kull tagħrif jew spjegazzjonijet meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' *budget* fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom.

▼M1

Artikolu 99

Sa fejn meħtieġ u bil-kunsens minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni, il-bord ta' ġestjoni għandu jaddotta regoli ddettaljati biex jimplimenta r-Regolament Finanzjarju ta' l-entità tal-Komunitarja, fuq proposta tad-Direttur tagħha.'

▼B

Artikolu 100

Ladarba dan ir-regolament jidħol fis-seħħ, kull entità msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali taddotta Regolament Finanzjarju ġdid b'tir li jiddaħħal fl-1 ta' Jannar 2003, jew għallinqas, fi żmien sitt xhur mid-data li jidħol fil-medda ta' l-Artikolu 185 imsemmi, wara l-konċessjoni ta' sussidju li titħallas mill-*budget* ġenerali.

Artikolu 101

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.